**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2024

Rikors Ġuramentat: 168/15AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv [1192/1991])**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur[1] li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta' Lulju, 1991 u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel D fis-7 ta' JLr, 1992.*

*2. Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-esponenti ta' sevizzi, eccessi w ingurji gravi b'mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.*

*3. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni kontra xulxin permezz ta' digriet moghti minn din 1-Onor Qorti fit-13 ta' Lulju, 2015, u dan ai termini tal-Ligi.*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onor Qorti joghgobha:*

*1. tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimata;*

*2. tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess bejn iz-zewg kontendenti mhux necessarjament ugwali b'mod illi l-intimata titlef kull jedd illi ghandha ghal nofs l-akkwisti illi saru l-aktar bi hlas u hidma tal-esponenti, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*3. tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 51 tal- Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.*
*4. tordna li l-esponenti jinghata lura l-proprjeta' parafernali tieghu li gew investiti fil-komunjoni ta' l-akkwisti.*
*5. tordna lill-intimata sabiex tikkonsenja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali tieghu li jinsabu fil-pussess taghha.*

*6. tiddikjara li l-fond numru 63, Massabielle, Triq il-Keffa, Swieqi m'għandux jibqa' jitqies bħala d-dar matrimonjali.*

*7. tordna lill-intimata tivvaka mill-fond numru X, X, Triq il-X, Swieqi, liema fond huwa proprjeta' parafernali tal-esponenti.*

*8. tawtorizza lill-esponenti illi jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali moghtija minn din il-Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat in-nota ġuramentata tal-attur;[2]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[3] fejn eċċepiet:

*1. Illi l-esponenti taqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' dan bi htija ta' zewgha A B u ghar-ragunijiet indikati mill- esponenti fil-kontrotalba taghha hawn ipprezentata kontestwalment;*

*2. Illi l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghal dikjarazzjoni ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti pero' ma taqbilx mal-pjan ta' qasma propost minn zewgha A B b'mod partikolari fejn jindika li l-komunjoni ma ghandhiex tinqasam b'mod ugali, ghaliex se mai huwa zewgha A B li għandu jissokkombi ghas-sanzjonijiet imposti mil-ligi, u dan kif sejjer jigi spjegat aktar dettaljatament waqt it- trattazzjoni tal-kawza;*

*3. Illi kwantu ghat-tielet talba tal-attur A B l-esponenti ma ghandha tinkorri ebda sanzjoni skond il-ligi ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

*4. Illi sa fejn taf l-esponenti A B ma investiex propjeta' parafernali tieghu fil-komunjoni tal-akkwisti izda tirrizerva li tirrispondi aktar dettaljatament dwar dan wara li huwa jkun indika ezattament ghal xiex qieghed jirreferi;*

[2] Fol. 13.
[3] Fol. 72.

*5. Illi l-esponenti ma ghandha fil-pussess esklussiv taghha ebda oggetti parafernali ta' zewgha A B; l-istess A B ghadu jghix fid-dar matrimonjali u ghandu access ghall-kmamar kollha b'dak kollu ta' go fihom;*

*6. Illi l-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni li wara li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti l-fond numru 63, 'Massabielle', Triq il-Keffa, Swieqi ma jibqax jitqies bhala d-dar matrimonjali izda ma taqbilx li ghandha tkun hi li tivvaka mill- istess fond;*

*7. Illi l-esponenti ma ghandha ebda oggezzjoni li l-eventwali sentenza moghtija minn dina l- Onorabbli Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku;*

*8. Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kontrotalba tal-konvenuta,[4] fejn ippremettiet:

*1. Illi hija zzewget lil A B nhar it-13 ta' Lulju 1991 u minn dan iz-zwieg twieled tifel jismu D-E li twieled fis-7 ta' JLr 1992 li llum huwa maggorenni pero' huwa student tal-medicina fl-Universita' ta' Malta u ghadu jghix fid-dar matrimonjali;*

*2. Illi l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment tort tal-imsemmi A B, u dan fost affarijiet ohra billi huwa konsistentement injora lil martu u l-interessi taghha u minhabba li ppermetta indhil serju min-naha tal-familjari tieghu, kif ukoll minhabba nuqqas serju ta' komunikazzjoni min-naha tal-imsemmi A B, u dana kollu kif sejjer jigi spjegat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*3. Illi l-istess A B kkommetta ukoll adulterju u/jew tradiment fil-konfont tal-esponenti;*

*4. Illi inoltre l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita' serja ta' karattru, kif ukoll sejjer jigi spjegat aktar fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

[4] Fol. 74.

*5. Illi l-esponenti soffriet ukoll ghal snin twal minhabba eccessi u ingurji gravi min-naha tal-intimat kontra l-esponenti u anke kontra binhom, u dana kif sejjer jigi spjegat aktar fid-dettal fil-kors tal-prezenti kawza;*

*6. Illi l-esponenti ppruvat issalva z-zwieg izda kien kollu inutili billi l-affarijiet qatt ma gew ghall-ahjar;*

*7. Illi l-esponenti ghalhekk qieghda tipprocedi b'dawn it-talbiet rikonvenzjonali fejn qed titlob illi tigi ippronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha A B u tigi terminata, likwidata u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, kif ukoll il-konsegwenzi l-ohra ta' separazzjoni personali bejn il-mizzewgin inkluz bl-applikazzjoni kontra A B tal-effetti kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili;*

*8. Illi inoltre l-esponenti tixtieq illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa l-manteniment pagabbli lilha;*

*Jghid l-attur rikonvenzjonat prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghall-htija tal-attur rikonvenzjonat A B ghar-ragunijiet esposti f'dan ir-rikors u ghar-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat responsabbli ghall-hlas tal-manteniment lill-esponenti;*

*3. Konsegwentement tiffissa dik ir-retta alimentarja illi ghandha tithallas mill-attur rikonvenzjonat lill-esponenti, b'dawk il-modalitajiet li din il-Qorti joghgobha tiffissa, inkluz jekk ikun il-kaz bil-hlas tal-arretrati dovuti, u tikkundL lill-attur rikonvenzjonat ihallas l-istess lill-esponenti;*
*4. Tiddikjara terminata u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

*5. Tillikwida l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*6. Tassenja lil kull wahda mill-kontendenti dawk l-assi rizultanti minn tali likwidazzjoni li jmissu lil kull parti rispettivament u dan wara li jittiehed kont tal-assi kollha mobbli u immobbli kif ukoll tal-frottijiet kollha ta' kwalsijasi assi parafernali, u wara li jittiehed kont tal-kreditu dovut lill-esponenti ghall-akkwist ta' assi tal-komunjoni bis-sahha tal-assi parafernali tal-esponenti, u wara li jittiehed kont tal-ishma ta' A B f'diversi kumpaniji u l-valur tal-istess azzjonijiet u/jew tal-frottijiet taghhom skond ma jirrizulta mit- trattazzjoni tal-kawza, u b'dana li tali assenjazzjoni jekk hemm bzonn issir billi d-dar matrimonjali (X, 'X', Triq il-X, Swieqi) tinqasam f'zewg ishma divizi bl-opra ta' Perit nominand li jigu assenjati wiehed lill-esponenti u l-iehor lil A B;*

*7. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili;*

*8. Tawtorizza lill-esponenti tghix separatament mill-intimat;*

*9. Tordna lill-attur rikonvenzjonat jivvaka mid-dar matrimonjali u cioe' l-fond numru X, 'X', Triq il-X, Swieqi jew minn dik il-parti diviza assenjata lill-esponenti u tiddikjara li l-esponenti ghandha dritt esklussiv li tirrisjedi fl-istess fond jew f'dik il-parti diviza minnu li tigi assenjata lilha kif fuq inghad, u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xierqa;*

*10. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jikkonsenja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali taghha li jistghu jinsabu fil-pussess tieghu;*

*Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat in-nota ġuramentata tal-konvenuta;[5]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta,[6] li permezz tagħha eċċepixxa:

---

[5] Fol.78.

[6] Fol. 82.

*Illi bosta mit-talbiet tal-konvenuta rikonvenjonanta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt:*

*1. illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il- kontendenti b'dan pero' li jigi dikjarat li z-zwieg tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli htija tal-konvenuta senjament minhabba sevizzi, eccessi w ingurji gravi u mhux minhabba htijiet allegatament imputabbli lill-esponenti. kategoriku li huwa kkommetta adulterju u/jew tradiment, li njora lil martu u l-interessi L-esponenti jichad b'mod taghha, li halla familjari tieghu jindahlu bejnu u bejn martu u li b'xi mod kien htija tan-nuqqas ta' komunikazzjoni bejnu u bejn martu l-konvenuta rikonvenzjonanta.*

*2. Illi l-esponenti jopponi bil-qawwa kollha li huwa ghandu jigi kkundLt ihallas xi manteniment lil martu l-konvenuta rikonvenzjonanta, stante li hija tilfet id-dritt taghha ghall-manteniment meta kienet hatja tat-tifrik taz-zwieg. Inoltre l-konvenuta rikonvenzjonanta tiflah tahdem u mal-likwidazzjoni tal-assi matrimonjali ser ikollha somma kapitali li toffrielha ndipendenza finanzjarja u għalhekk m'hemmx lok ai termini tal-Ligi li l-esponenti jigi obbligat jissoministra manteniment lill-konvenuta rikonvenzjonanta.*

*3. Illi sussidjarjament in vista tal-fatt li l-konvenuta rikonvenzjonanta hija hatja tat-tifrik taz-zwieg u tilfet id-dritt taghha ghall-manteniment, kif ukoll in vista tal-fatt li hija ser tkun finanzjarjament indipendenti mill-esponenti wara l-likwidazzjoni tal-assi tal- komunjoni tal-akkwisti, m'hemmx lok li jithallas l-ebda forma ta' manteniment ghall- konvenuta.*

*4. illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi terminate u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

*5. Illi l-esponenti jaqbel li l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

*6. Illi l-esponenti jaqbel ukoll li jigu assenjati l-assi lil kull parti rispettivament u dan wara li jittiehed kont tal-assi kollha mobbli u immobbli kif ukoll tal-frottijiet kollha ta' kwalsiasi assi parafernali, b'dan pero' li minn issa l-esponenti jecepixxi li l-konvenuta rikonvenjonanta ma*

*kellha l-ebda assi parafernali u li sija sehem l-esponenti mill-kumpannija La Forrest Limited, kif ukoll id-dar matrimonjali huma lkoll proprjeta' parafernali tal-esponenti. Huwa l-esponenti u mhux il-konvenuta rikonvenzjonanta li ghandu krediti fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti. L-esponenti jecepixxi wkoll li wara li jittiehdu in konsiderazzjoni l-krediti parafernali tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tistabilixxi d-dati ta' l-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u d-data meta l-istess konvenuta martu ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, u għalhekk taqsam porzjonijiet mhux necessarjament b'mod ugwali bejn il-partijiet.*

*8. Illi l-effetti tal-Artikolu 48 et seq, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra l-konvenuta rikonvenzjonanta u mhux kontra l-esponenti.*

*9. Illi hemm qbil li l-konvenuta rikonvenzjonanta tigi awtorizzata tghix separatament mill-esponenti.*

*10. Illi l-esponenti joggezzjona li huwa ghandu jigi ordnat li jivvaka mid-dar matrimonjali, filwaqt li l-konvenuta rikonvenzjonanta tibqa' tabita fl-istess dar u cioe' l-fond numru X, "X", Triq il-X, Swieqi jew f'xi parti diviza mill-istess dar u dan stante li dan il-fond huma fl-intier tieghu proprjeta' parafernali tal-esponenti u l- konvenuta rikonvenjonanta ma kkontribwiet xejn ghall-akkwist u t-tlestija tal-istess.*
*11. Illi l-esponenti m'ghandux fil-pussess tieghu assi parafernali u/jew krediti appartenenti lill-konvenuta martu, izda hija l-istess martu li effettivament ghandha fil-pussess taghha assi parafernali u krediti appartenenti lill-esponenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenzjonanta.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 1192/1991.

Rat id-digriet tal-13 ta' Lulju 2015 li bih il-Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u tawtorizza lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat il-verbal tal-4 ta' Novembru 2015[7] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u l-verbal tas-6 ta' Ġunju 2023[8] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Marita Pace Dimech bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tissostitwixxi lil Dr Abigail Critien li ġiet elevata għall-bank tal-ġudikatura;

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2018, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur u *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ppreżentata fit-8 ta' JLr 2024;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet li l-konvenuta ppreżentat fid-19 ta' April 2024;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[9]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi l-partijiet iżżewwġu fit-13 ta' Lulju 1991 u minn dan iż-żwieġ twieled tifel D fis-7 ta' JLr 1992, u li għalhekk illum huwa maġġorenni. Permezz

[7] Fol. 147.
[8] Fol. 1981.
[9] Verbal tat-12 ta' Ottubru 2023 a. fol. 1999.

tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, *stante* li ż-żwieġ tagħhom tkisser wara li l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja fil-konfront tal-attur ta’ sevizzi, eċċessi u inġurji gravi b’mod li ż-żwieġ tkisser irremedjabbilment. Magħdud ma’ dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Issir referenza għar-rikors promotur fejn l-attur jelenka x’inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba sevizzi, eċċessi u inġurji gravi u kif ukoll talli ż-żwieġ tkisser irremejabbilment minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b’żewġ ishma mhux neċessarjament indaqs b’mod li l-konvenuta titlef kull jedd illi għandha għal nofs l-akkwisti li saru fi ħlas u ħidma tal-attur u b’hekk tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap 16 fejn applikabbli;

3. Tordna li l-attur jingħata lura l-proprjetà parafernali tiegħu li ġew investiti fil-komunjoni ta' l-akkwisti u tordna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur l-oġġetti kollha parafernali tiegħu li jinsabu fil-pussess tagħha.

4. Tiddikjara li l-fond numru 63, Massabielle, Triq il-Keffa, Swieqi m'għandux jibqa' jitqies bħala d-dar matrimonjali u tordna lill-konvenuta tivvaka mill-fond numru 63, Massabielle, Triq il-Keffa, Swieqi, liema fond huwa proprjetà parafernali tal-attur.

Il-konvenuta minn naħa tagħha taqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti iżda dan bi ħtija tal-attur u tintavola kontro-talba fejn titlob illi:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi ħtija tal-attur rikonvenzjonat;

2. Tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat responsabbli għall-ħlas tal-manteniment tal-konvenuta u tiffissa dik ir-retta alimentarja illi għandha tithallas mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuta;

3. Tiddikjara terminata u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida u tassenja l-istess lil kull waħda mill-kontendenti wara li jittieħed kont tal-assi kollha mobbli u immobbli kif ukoll tal-frottijiet kollha ta' kwalsijasi assi parafernali, u wara li jittieħed kont tal-kreditu dovut lill-konvenuta għall-akkwist ta' assi tal-komunjoni bis-saħħa tal-assi parafernali tal-konvenuta, u wara li jittieħed kont tal-ishma ta l-attur f'diversi kumpaniji u l-valur tal-istess azzjonijiet u/jew tal-frottijiet tagħhom u b'dana li tali assenjazzjoni jekk hemm bżonn issir billi d-dar matrimonjali (X, 'X', Triq il-X, Swieqi) tinqasam f'żewġ ishma diviżi bl-opra ta' Perit nominandi li jiġu assenjati wieħed lill-konvenuta u l-ieħor lill-attur;

4. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16;

5. Tawtorizza lill-konvenuta tgħix separatament mill-attur u tordna lill-attur rikonvenzjonat jivvaka mid-dar matrimonjali u tiddikjara li l-konvenuta għandha dritt esklussiv li tirrisjedi fl-istess fond jew f'dik il-parti diviża minnu li tiġi assenjata lilha u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xierqa;

6. Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jikkonsenja lill-konvenuta l-oġġetti kollha parafernali tagħha li jistgħu jinsabu fil-pussess tiegħu;

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenuta:*

L-attur jixhed permezz ta' affidavit intavolat permezz ta' nota tal-31 ta' Awwissu 2015[10] u jgħid illi wara madwar sentejn li l-partijiet bdew

[10] Fol. 21.

joħorġu flimkien, il-konvenuta ħarġet tqila u għalkemm din it-tqala ma kinitx pjanata huma riedu jieħdu r-responabbiltà tat-tarbija u ftehmu li jiżżewwġu. Huwa jgħid li l-ġenituri tiegħu ħallsu għal kull ma għandu x'jaqsam mat-tieġ u li wara li żżewġu hu kien jaħdem ħinijiet twal mal-kumpanija tal-familja tiegħu biex żamm lill-konvenuta fuq wiċċ l-idejn. Jgħid li l-konvenuta kienet tagħmel u tixtri dak li tixtieq u tiddeċiedi dwar dan unilateralment. Jgħid li nhar ta' Sibt kien iwassalha tagħmel il-qadi tagħha bħal appuntament ta' xagħrha, dwiefer u xiri. Marret ukoll kors tal-kompjuter u *internet* u minn hemm bdiet tieħu ħsieb il-kontijiet bankarji tagħhom u l-investimenti.

Huwa jgħid li minn naħa l-oħra xejn ma kien iħossu rispettat f'daru u li l-konvenuta dejjem tara kif ser twaqqgħu għaċ-ċajt speċjalment quddiem familjari tiegħu tant li jħoss li anke t-tifel jurih nuqqas ta' rispett. Jgħid li mbagħad kien xtaq li jmorru Lourdes f'għeluq il-ħamsin sena tiegħu u l-konvenuta qaltlu li dawk flus fil-ħela u li hemm induna kemm ma kienx meqjus id-dar. Huwa jgħid li mbagħad beda jindaga dwar xi flus li kienet tamministra l-konvenuta u meta saret taf bdiet tirrifjuta li taħsillu l-ħwejjeġ u ssajjarlu minkejja li kien għadu jgħaddilha l-paga. Jgħid li minħabba f'hekk hu beda jmur jiekol għand familjari tiegħu. F'dan l-istess żmien il-konvenuta ddeċidiet li ssiefer mat-tifel u m'oħtha minkejja kull ma kienu għaddejjin minnu.

Huwa jgħid li l-konvenuta ma baqgħetx tħallih juża affarijiet tal-komunjoni fosthom il-karozza u filfatt hu jippreżenta rapport li kien għamel mal-pulizija f'dan is-sens.[11] Huwa jgħid li ma sabx ukoll il-passaport tiegħu u martu ħaditlu anke l-fann tal-*ispare bedroom* fejn kien jorqod. Jgħid li wara li għamel żwieġ sottomess għal martu issa li staqsa għal xi affarijiet din irrifjutathomlu.

Fil-*kontro-eżami*[12] jgħid li hu kien ħa t-tqala tagħha bi kbira u li kieku ma nqabditx tqila ma kienux jiżżewġu daqshekk malajr. Qal ukoll li oħtu kienet qalet lill-missieru bit-tqala għaliex il-ġenituri tiegħu Kattoliċi ferventi u kien jibża jgħid aħbar hekk lil missieru. Huwa jikkonferma illi kien jaħdem mis-6.30*a.m*. sat-8.30*p.m.* u ma kienx imur id-dar għall-*break* mit-Tnejn sal-Ġimgħa u anke fil-*weekends* kien ħafna drabi jidħol xogħol. Jgħid li ħafna drabi s-Sibt kienu jaħdmu sa xi s-siegħa, s-

[11] Fol. 29.

[12] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2019 a. fol. 1497 u jitkompla fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2021 a. fol. 1521 tat-13 ta' April 2021 a.fol. 1533 u jitkompla fis-seduta tat 18 ta' Mejju 2021 a. fol. 1557.

sagħtejn ta' wara nofsinhar. Jgħid li jiftakar li l-konvenuta kienet ħaditu *counselling* imma ma jiftakarx x'kien il-parir li tawhom. Jgħid li l-konvenuta kienet tgergirlu ħafna li jmur għand il-familja tiegħu imma mbagħad fil-*weekends* kienu jqattgħu siegħat sħaħ għand il-familja tagħha. Mistoqsi dwar F G jgħid li din kienet biss ħabiba tiegħu. Jikkonferma li l-konvenuta qatt ma ġabet lil xi ħadd jgħinha fid-dar u d-dar kienet tieħu ħsiebha hi minkejja li kienet tbati b'dahra – id-dar jikkonferma li fiha tlett sulari u *basement*. Huwa jiċħad li fil-kunċert ta' Awwissu 2015 kien qiegħed hemm ma' F G. Huwa jinsisti li kien ma' oħtu H għax diġà kien separat minn mal-mara. Meta muri *chats* li eżebiet il-konvenuta ma' l-affidavit tagħha hu jinsisti li din F G kienet biss ħabiba minkejja li jindirizzaha bi kliem bħal *my love.* Jgħid li lil F kien jafha s-Sliema Pitch minn meta kienu żgħar meta kien għadu qas jaf lill-konvenuta. Skont hu ddeċieda li ma jistgħux joqgħodu iktar flimkien meta fl-2014 iddeċidiet li riedet tmur Costa Brava u qalet lit-tifel biex jaqta' l-biljetti u qalet lill-attur li hi kienet ser torqod m'oħtha u hu mat-tifel u għalhekk l-attur ma marx u meta telqu mar għand l-avukat tiegħu biex jibda s-separazzjoni.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur ressaq is-segwenti provi:*

a. *Ix-xhieda ta' I B ossija missier l-attur permezz ta' affidavit intavolat ma' dak tal-attur*[13] *u x-xhieda ta' J B ossija omm l-attur permezz ta' affidavit ukoll intavolat ma' dak tal-attur*[14] li jikkoraboraw il-verżjoni tal-attur iżda f'dak li hu l-aspett finanzjarju u mhux it-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ. Il-ġenituri tal-attur ma jidħlux f'dan l-aspett fix-xhieda tagħhom.

b. *Ix-xhieda ta' Spettur Elton Taljana fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2016*[15] *u fis-seduta* li jeżebixxi żewġ rapporti li saru minn A B kontra C B fit-2 ta' Mejju 2015 u fl-20 ta' Settembru 2015 u rapport ieħor li sar minn C B fl-4 ta' Settembru 2015. Ikompli jippreżenta rapporti *l-Ispettur Trevor Micallef fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2017*[16] fejn iżid rapport li għamlet C B kontra A B

[13] Nota tal-31 ta' Awwissu 2015 a. fol. 20.
[14] Ibid.
[15] Fol. 218.
[16] Fol. 438

fil-15 ta' Diċembru 2016. Tkompli tippreżenta r-rapporti *WPC 166 Claire Amato fis-seduta tas-16 ta' JLr 2018*[17] li tippreżenta rapport ieħor li sar minn A B kontra C B fit-3 ta' Diċembru 2017 u rapport ieħor magħmul minn A B fl-24 ta' Awwissu 2015 dwar dokument mitluf.

*Il-verżjoni tal-Konvenuta u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Attur:*

Il-konvenuta tixhed permezz ta' affidavit intavolat permezz ta' nota tal-21 ta' Ottubru 2015.[18] Il-konvenuta tgħid li fl-għerusija l-attur kien iqatta' ħafna ħin għandha u li hi kienet issajjarlu minn flusha u anke xtratlu television biex jara l-futbol għandha għaliex missieru ma kienx iħallih jara l-futbol f'daru. Huma kienu jqattgħu ħafna ħin ma' oħtu u r-raġel tagħha u l-Ħdud kien ikollha tmur il-Marsa għat-tiġrijiet taż-żwiemel għalkemm hi kienet tiddejjaq tagħmel dan. Hija tgħid li r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom bdew wara sena u nofs joħorġu flimkien u mhux wara sitt xhur kif jgħid l-attur u dan kontra x-xewqa tagħha. Fil-fatt hi tgħid li kienet bkiet ħafna wara li kienu intimi l-ewwel darba u ħassitha umiljata għaliex l-attur lanqas kien induna li hu kien l-ewwel raġel li kellha x'taqsam miegħu. Tgħid li mbagħad beda jippretendi li kull nhar ta' Sibt jispiċċaw fis-sodda meta l-ġenituri tiegħu ma jkunux id-dar u hi kienet tagħmel l-att biss biex tikkuntentah. Tgħid li saret taf li l-kumpaniji li jaħdem magħhom huma tal-familjari tagħhom biss wara sena għaliex il-familjari tiegħu kienu jgħidulu ma joqgħodx jgħid biex it-tfajliet ma joħorġux miegħu għal flusu. Hi tħoss li l-familjari tiegħu kienu jagħmlulu kollox huma saħansitra oħtu kienet tixtri r-rigali u l-kartolini li l-attur jagħti lill-konvenuta.

Tgħid li kellhom ħsieb li jiżżewwġu u diġà kienu ħasbu għal dar fejn joqgħodu fil-fatt f'Marzu 1990 meta sar il-kuntratt tad-dar hija kienet preżenti. F'April 1991 b'xokk kbir saret taf li hi tqila u din l-aħbar ħaditha bi kbira ħafna filwaqt li l-attur kien inkwetat kif ser jgħid lil missieru. Hi tgħid li l-attur kien issuġġerixxa li jagħmlu abort u hi ħadet dan is-suġġeriment bi kbira ħafna u riedet twaqqaf l-għerusija iżda mbagħad tgħid li minħabba li tant kienu miġbudin lejn xulxin komplew l-għerusija. Tgħid li l-attur kellu sikkatura kbira d-dar u ma kienx jaf kif ser jagħti l-

[17] Fol. 470.
[18] Fol. 86.

aħbar lill-familjari tiegħu, fil-fatt imbagħad issuġġerixxa li hi tmur għand tabib tal-familja tiegħu biex dan jikkomunikalu l-aħbar. Hija kellha tgħid lill-ġenituri tagħha weħedha. Minħabba s-sitwazzjoni, għalkemm tgħid li mhux imġiegħla, ħallew kollox mistur u żżewwġu qabel previst. Tgħid li peress li ħallsu t-tieġ il-familja tal-attur, mingħajr ma kkonsultaw magħha fuq ħafna affarijiet, tilfet ħafna l-entużjażmu għat-tieġ.

Hija tilmenta wkoll fuq il-fatt li wara t-tieġ għaddew lejla ġo kamra qisha shaft ġo lukanda u mbagħad marru Għawdex ġo flat tal-familja tal-attur fejn kellha taħsel minn wara n-nies kif waslu hemm, għalkemm kellha tliet xhur tqala u mbagħad wara erbat ijiem ġew anke l-ġenituri tal-attur. Tgħid li l-attur ried jirritorna lura x-xogħol malajr għax qalilha li peress li kien Lulju ma setax jieħu ħafna *leave* iżda tgħid li iktar tard indunat li din kienet l-ewwel indikazzjoni li għalih il-familja tiegħu u l-*business* jiġu qabilha. Hi tgħid li qabel iż-żwieġ missier l-attur kien jeħodlu ħsieb flusu iżda mbagħad bdiet tamministra kollox hi speċjalment wara kors tal-kompjuter li tgħid li ħadu l-partijiet flimkien biex imbagħad meta ħareġ l-*internet banking* kienet taf tużah biex tamministra flushom. Tgħid li l-attur ma tgħallem xejn u kien iħalli kollox f'idejha.

Hija tirrakkonta li meta twieled it-tifel nhar is-7 ta' JLr 1992, l-attur lanqas kien preżenti għat-twelid u fil-fatt tgħid li lit-tifel rabbietu weħedha għaliex l-attur kien ikun ix-xogħol minn sbieħ il-jum sa tard bil-lejl u meta jirritorna d-dar it-tifel kien ikun ġa rieqed. Minħabba dan il-fatt ukoll hi tgħid li hi ma setgħetx taħdem hi wkoll. Kienet tieħu ħsieb id-dar kbira li kellhom u l-finanzi u l-kontijiet kienet tieħu ħsiebhom hi. Tgħid li ma kellhiex għażla oħra għaliex l-attur ma kienx jinteressah illi jipprova jifhem dwar l-investimenti u l-finanzi tagħhom u allura bilfors kellha tieħu ħsiebhom hi. Tgħid li l-attur ma kienx jaf x'għandhom u ma kien jifhem xejn fl-aspett finanzjarju. Tgħid li tant ma kien jagħmel xejn waħdu li anke ċurkett tad-djamant li kien ser jagħti lilha kien mar jixtrih ma' zijuh. Tgħid li wara li xtralha arloġġ tad-ditta *Patek Philippe* għal tnax-il elf (12,000) Ewro u hija biddlitu ma' wieħed tad-ditta *Chopard* ta' sitt elef (6,000) Ewro għax ħasset li kien wisq, huma ftehmu li la l-attur ma jħossux komdu jixtri xejn waħdu, tibda tmur miegħu hi biex jixtru r-rigali għaliex il-konvenuta kienet tħossha skomda li l-familjari tal-attur ikunu jafu l-affarijiet personali tagħhom. Tgħid li missier l-attur, li dejjem kien jindaħal ħafna fl-affarijiet

tagħhom, kien gergirlu sew għall-fatt li nefaq daqshekk flus fuq rigal lill-mara.

Tgħid li dejjem għexu komdi – l-attur kien jagħmel ħafna *overtime* u l-introjtu kien tajjeb ghalkemm ma kienx l-ammont li l-attur jgħid li kellu paga fix-xahar.  Tgħid li dawn jixduh l-*istatements* tal-Banek.  Huma bħala familja għexu ħajja komda.  Tgħid li għalkemm l-attur jagħti l-impressjoni li hi kellha ħafna kapriċċi, ż-żewġ kapriċċi li kellha kienu *blow dry* ta' xagħrha darba f'ġimgħa u li tagħmel difrejha.  Nhar ta' Sibt tgħid li kienu jagħmlu l-qadi tal-familja kollha u mhux tagħha biss u kien jeħodha l-attur għaliex hi ma kinitx issuq.

Hija tgħid li l-attur ħadem ħafna iżda mbagħad kienet hi li stinkat għall-edukazzjoni tat-tifel u l-attur ma kien jinvolvi ruħu bl-ebda mod f'dan anke jekk hi kienet timbuttah sabiex jinteressa ruħu f'dak li qed jagħmel it-tifel.  Saħansitra tgħid li fi żmien l-eżamijiet meta kienet tagħti ftit attenzjoni żejda lit-tifel l-attur kien jaqla' ħafna argumenti u hi kienet tingħalaq fil-kamra mat-tifel u hu jitlaq il-barra.  Tilmenta għall-fatt li minħabba x-xogħol l-attur ma kienx ikun irid isiefer bħala familja għalkemm ħutu fil-*business* miegħu kienu jmorru.  Seba' snin wara li żżewwġu mbagħad kien ikkonvinċih Dun Gorg Dalli sabiex isiefru hu u l-konvenuta ma' group tal-paroċċa u kienu marru mingħajr it-tifel l-Art Imqaddsa.  Bdew imbagħad isiefru kull sentejn kontra qalb l-attur.  Mill-2005 'l hawn imbagħad tgħid li ppruvat li jibdew isiefru darba fis-sena għall-vaganzi tat-tifel tas-sajf.  Tgħid li l-attur ma kien juri l-ebda interess u kien ikollha tippjana kollox hi.  Huwa ma kienx jagħti importanza l-fatt li t-tifel kien ikun eċitat għas-safra u li l-familja kellha bżonn ħin flimkien u s-safar kien jarah bħala problema.  Tgħid li fil-fatt ma kienx ikompli mal-bqija tal-grupp meta kienu jkunu msefrin u hi u t-tifel kienu jkunu qishom siefru weħedhom.  Imbagħad beda jitlaq u jagħmel ħbieb ma' nies fil-grupp mingħajr ma jinkludi lilha u anke meta jmorru *weekend breaks* tgħid li kien iħalliha weħedha fil-kamra u jmur siegħat sħaħ fil-*gym* u l-*indoor pools.*

Tgħid li f'Settembru 2014 beda jaġixxi differenti magħha qabel ma siefru l-Irlanda u fil-fatt ma kienx ried imur magħha.  Madanakollu fil-ġurnata li kienu ser jitilqu qisu ddispjaċih u meta ġew lura kabbrilha djamant ta' ċurkett li kien taha qabel bħala rigal.  F'Novembru 2014 kien reġa' beda

jabbandunaha u kien jgħidilha li lilu kif jarawh waħdu n-nisa speċjalment separati kienu jaħtfuh minħabba l-flus. Beda joħroġ ħafna waħdu u hi ma kinitx tkun taf fejn qiegħed ikun, kliem mill-inqas iżda kien jaqla' argumenti fuq ċuċati. Fi Frar 2015 beda joħroġ mingħajr ċurkett tat-tieġ u F'Marzu 2015 irċeviet ittra legali mingħandu sabiex jibdew il-proċeduri ta' separazzjoni. Tgħid li hi ppruvat ħafna ssalva r-relazzjoni u torganizza ħin flimkien iżda ndunat li l-attur kien qed jagħmel minn kollox biex jiskartaha u meta kien ta' bilfors imur vaganza magħha kienet tħoss li mill-mod kif kien jaġixxi kien ikun qisu ħalla 'l xi ħadd warajh u filfatt tgħid li kienet tiġbidlu l-attenzjoni għal dan il-fatt. Hi kienet taħseb dak iż-żmien li kien ikun ħsiebu fix-xogħol imma tgħid li llum tinduna li r-realtà kienet oħra. Beda mbagħad imur jiġri s-Sibt u l-Ħadd u hija tgħid li kienet tilmentalu li issa anke fil-*weekends* kien qed iħalliha weħedha. Fil-fatt tgħid li l-passatemp tal-pjanti kienet bdietu għaliex tant kien ikollha ħin weħedha li kienet sabet mod kif tgħaddi l-ħin. Fil-fatt kienet timla l-ħin ukoll billi tagħmel volontarjat mal-parroċċa għaliex tgħid li tliet darbiet fil-ġimgħa minbarra li kien idum ix-xogħol kien imur għand oħtu u ommu. Maż-żmien tgħid li iktar u iktar bdiet tħossha *neglected.* Tgħid li kien inqata' waħdu u kien ikun irrabjat u aggressiv ħafna u mbagħad jiġi f'tiegħu u jkun iddispjaċut u joqgħod jibki. Kienet tinkoraġġih jiftaħ qalbu magħha iżda ma kienx jagħmel hekk. Tgħid li mbagħad kien jgħaddi minn perjodu fejn kien jaduraha u jagħmillha l-ilma jiżfen biex wara ftit jerġa' lura għal li kien.

Tgħid li marru għal diversi sessjonijiet ta' *counselling* fejn kienu attendew anke familjari tiegħu iżda tħoss li dejjem kienet tieħu l-inizjattiva hi. Il-*counsellors* tgħid li kienu jgħidulhom li l-problema li ħajjet l-attur dominata mix-xogħol u li b'hekk hi tħossha *neglected* u li l-attur irid jagħti sehmu fil-familja mhux biss billi jġib il-flus id-dar. Tgħid li ma kienx veru li pjanat safra f'nofs l-inkwiet ta' bejniethom iżda l-attur qala l-inkwiet wara li hi qaltlu sabiex imur magħhom vaganza. Tiċħad li l-attur qatt semma li ried imur Lourdes għal għeluq il-ħamsin sena tiegħu anzi tgħid li F'Novembru u Diċembru (hu għalaq il-ħamsin f'Diċembru) kienu miġġildin u ma kienux qed joħorġu flimkien tant li lanqas għall-*mammogram* ma wassalha u kellu jwassalha t-tifel. Tgħid għalhekk li żgur ma kienx ser jgħidilha biex isiefru flimkien fejn qatt qabel ma kien ikun irid li jsiefru flimkien. Anzi tgħid li kienu marru ikla ta' għeluq sninu u kien mar ta' bil-fors.

Tirrakkonta li l-attur refa jdejh fuqha tliet darbiet, l-ewwel darba f'argument f'Awwissu 2014 u darbtejn oħra wara. Biex ma tkabbarx l-affarijiet tgħid li ma għamlitx rapporti mal-Pulizija. Ta' spiss kien jgħajjarha li se jitfagħha l-barra u li ma kellha dritt għal xejn u li ġabha nies bi flusu u li issa se jġibha fuq irkubtejha.

F'Awwissu 2015 imbagħad tgħid li l-attur mar attività tal-massa u kien *hand in hand* ma terza persuna f'liem attività kien hemm kemm hi u kif ukoll it-tifel *"Wara skoprejt li din il-persuna jisimha F G u hi midhla sew anke ta' hu A (K) u martu L u ta' ohtu H tant li qattghu is-sajf fil-kumpanija ta' xulxin is-Sliema Pitch. Issa qed nifhem ukoll għalfejn matul din l-ahhar sena l-attitudni ta' A kienet iggravat. Matul il-gimgha kien beda jdum hafna iktar biex jigi d-dar; meta jcempilli kien dejjem icempel mill-mobile u mux mil-linja fissa tax-xoghol bhal ma kien jaghmel qabel; u kwazi qatt ma konna ghadna nohorgu bhala koppja. Fl-ahhar dahalli suspett li kien qed johrog ma' haddiehor ghax beda johrog barra u jmur fil-karozza biex icempel u jibghat messaggi bil-mohbi. Ghamilt kuragg u ccekkjajtlu l-mobile u sibt telefonati u messaggi ta' mhabba lil u minghand F G. Dawn hadtilhom ritratt u qed nannettihom ma' dan l-affidavit bhala Dokument 'JP12'. Wara li ghidtlu li ghandi l-provi li qed jara lil haddiehor hassar il-messaggi minn fuq il-mobile u beda jahbi l-mobile."* Tgħid li dik il-ġimgħa stess l-attur ma baqax jorqod fil-kamra tas-sodda tagħhom u mar jorqod ġo kamra oħra. Fil-*kontro-eżami*[19] tgħid li l-attività kienet kunċert ta' Joseph Calleja u kienu rawh il-ħbieb tat-tifel u qalulu. It-tifel kien hemm imma ma rahx u lanqas hi għalkemm kienet preżenti l-istess kunċert. Wara jumejn tgħid li affaċjatu u ammetta u m'oħtu fuq it-telephone qalilha *"qabditni ma F"* u hi qaltlu li hu kien semma l-isem u mhux hi.

Tgħid li biex idderri fl-istess sajf tal-2015 meta hu kien qiegħed iqatta' ħinijiet twal barra waħdu u hi dejjem weħedha ngħaqdet ma' grupp ta' nisa tamparha u bdiet tmur il-baħar magħhom. Dan tgħid li għamlitu wara tant istanzi ta' abbandun minn naħa tal-attur u wara li kien f'Marzu ta' dik is-sena bagħtilha ittra legali għas-separazzjoni. Hi u t-tifel kienu wkoll qed jippruvaw iżommu 'l bogħod mid-dar minħabba ġlied kontinwu

[19] Seduta tal-11 ta' Diċembru 2018 a. fol. 879.

u vjolenza min-naħa tal-attur. Tiċħad li kienet marret l-*August Moon Ball* kif jgħid l-attur u tgħid li hi kellha tfittex biex tara x'inhu dan il-ballu wara li l-attur qal hekk għax qas kienet taf x'inhu aħseb u ara kemm marret.

In subizzjoni[20] tgħid li hi qed tieħu manteniment ta' mitejn u ħamsin (250) Ewro mingħand ir-raġel u mitejn u sbatax (217) Ewro mis-Sigurtà Soċjali, u li l-familjari tagħha ġieli jgħinuha billi jagħmlulha xi xirja. Tgħid li t-tifel issa għandu 24 sena iżda għadu jistudja *full time* u joqgħod id-dar. Hija tgħid li ġieli torqod għand iz-zija tagħha u f'okkażjonijiet bħal birthday, anniversarju, Valentine's ma tkunx trid toqgħod id-dar fl-istess saqaf mal-attur. Tgħid li anke meta jsibha d-dar fil-*weekends* joqgħod jgħajjarha u għalhekk kemm jista' jkun toqgħod il bogħod mid-dar iżda *"ġieli jgħaddu 3 jew 5 xhur biex nerġa norqod barra mid-dar".* Tiġi mistoqsija tgħid fejn kienet f'dati speċifiċi hija tgħid li kienet Għawdex maz-zija għal għeluq sninha u f'dati oħra kienet għand oħtha ġewwa l-Fgura. Tgħid li "*Meta nohrog, normalment nirritorna ghal xi l-habta tat-3.00 ta' filghodu ma nsib lil hadd id-dar. Daqqa s-Sibt u daqqa l-gimgha u s-Sibt. Immur Hugos*."

Fir-ri-eżami[21] tippreżenta xi *chats* li sabitlu fuq il-*mobile* tiegħu ma' nisa differenti u xi ritratti ta' xi nisa.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenuta tressaq is-segwenti provi:*

a. *Affidavit ta' M N ossija oħt il-konvenuta debitament maħluf u ppreżentat nhar il-21 ta' Ottubru 2015*[22] li tikkorrabora l-verżjoni ta' oħtha u tgħid li l-attur minn dejjem ibati mill-burdati u anke qabel iż-żwieġ kien iġib ix-xogħol qabel il-familja. Tirrakkonta episodji fejn l-attur ħalla lill-konvenuta tistennih siegħat twal minħabba li kien jibqa' x-xogħol. Tgħid li hi kienet tkun taf b'dawn l-episodji għaliex hi u oħtha dak iż-żmien kienu jorqdu fl-istess kamra tad-dar tal-ġenituri tagħhom. Tgħid li l-attur ġieli ammetta dan, anke quddiemha, meta l-partijiet kienu jkunu qed jippruvaw

[20] Seduta tal-11 ta' Ottubru 2016 a. fol. 322a.
[21] Seduta tas-17 ta' Novembru 2022 a. fol. 1807.
[22] Fol. 86.

jerġgħu jirranġaw. Tgħid ukoll li taf b'dan kollu għaliex anke meta kien ikun sejjer jiekol għandhom kienet komuni li jmur wara d-9.00*p.m.* Tgħid li meta oħtha kienet qed twelled l-attur mar jiekol għandhom u mbagħad meta lesta kellhom imorru miegħu l-isptar biex jagħmlulu kuraġġ imur, iżda meta waslu oħtha kienet diġà welldet. Tgħid li anke affarijiet tat-tifel kien imur ta' bilfors u b'ħafna ġlied u li jekk kien imur ma kienx jipparteċipa. Tħoss li hi bħala z-zija tat-tifel kienet iktar tieħu nteress fit-tifel minn missieru. Tirrakkonta li l-konvenuta kienet tieħu l-*progress report* tat-tifel għandhom wara xi *parents day* u kienet tgħidilhom u tifraħ bil-progress tat-tifel u x'kienu jgħidu l-għalliema fuqu iżda l-attur ma kien jgħid xejn u kien ikun evidenti li ma kienx ikun jaf dwar il-progress tat-tifel, kien indifferenti u ma kienx jieħu interess. Il-konvenuta kienet titolbu jmur u tgħidlu li kulħadd kien jattendi bir-raġel.

Tgħid li ġieli siefret magħhom u anke fis-safar l-attur kien ikun dejjem bil-gdiedem u bla interess f'dak li kien ikun qed jara. Hu kien jgħid li kien hekk għaliex kien iħalli x-xogħol warajh. Tirrakkonta wkoll kemm il-darba aġixxa b'mod stramb imbagħad l-għada jaġixxi qisu ma jkun ġara xejn. Tgħid li hi spiċċat biex drat is-stramberiji tal-attur. Ġieli kien ukoll iċempel lil ommhom u joqgħod jibki u jgħidilhom fuq il-ġlied li kien ikollu mal-konvenuta u jagħti t-tort lilha. Ommha kienet qed tispiċċa dejjem tinkwieta fuqhom ħabba f'dan. Hi għalhekk qalet lil oħtha biex ma joqgħodx iċempel u jdaħħalhom fl-inkwiet ta' bejnu u bejn oħtha u tgħid li dak il-ħin li kienet qed tgħid lil oħtha daħal l-attur u meta qaltlu x'kienet qaltilha, minflok skuża ruħu li qed jinkwieta lil ommhom beda jgħajjat ħafna.

In *kontro-eżami*[23] hija tgħid li oħtha ma kinitx tkellimha fuq ir-relazzjoni tagħhom u tgħidilha li hi mdejjqa. Li ssemmi kienu affarijiet li kienet tara hi. Hija tgħid li taf li l-attur kien imur lura d-dar tard però ma tafx fi xħin kien jibda xogħol. Tgħid li nhar ta' Ħadd kienu dejjem imorru jieklu għand ommha fejn

[23] Seduta tal-14 ta' Novembru 2017 a. fol. 462.

kienet tgħix hi u spiss joħorġu magħhom bħala familja nhar ta' Ħadd ukoll u l-attur wara jew qabel tali ħruġ jew ikel kien imur ix-xogħol. Tgħid li ommha dejjem ħallsitu għall-laħam li kien iġib u tgħid li dan tafu għaliex kienet tkun hi li ġġib il-flus biex ommha tħallsu. Meta joħorġu tgħid li kien ikun irid imur lejn in-naħa ta' isfel sabiex xi ħin jgħaddi x-xogħol. Fir-*ri-eżami* iżżid li l-attur ġieli qal fuq oħtha illi mn'Alla kienet hi daqs kemm kienet bil-għaqal u '*fejn ħa nsib bħala din?*' Wara xi safra magħhom tgħid li kienet tiġi lura eżawrita għax l-attur kien jgħejjiha jargumenta.

c. <u>Xhieda ta' O P, ossija ħabiba tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021[24]</u> li tgħid li lill-partijiet ilha tafhom madwar għoxrin (20) sena mill-parroċċa ta' L-Ibraġġ. Tgħid li l-konvenuta kienet tgħin biex inaddfu l-knisja u mbagħad fetħu *bookshop* u *Summer School* u bdiet tgħin f'dawn ukoll. Dan kien isir kollu b'mod volontarju u ma kienux jitħallsu tiegħu. Tgħid li dan kien iseħħ darba f'ġimgħa u jumejn filgħaxija kienu jgħinu fil-*bookshop*, *in turns* jew flimkien fil-ħin tal-katekiżmu u *ċioé* bejn l-4.30 *p.m.* u s-6.00 *p.m*. Rigward is-*Summer School* kienu jagħmlu xahar – xahrejn fis-Sajf. Ix-xhud saret taf lill-attur għax kienu joħorġu filgħaxijiet u kienu jiltaqgħu wkoll f'xi tieġ jew okkażjoni tal-ħbieb. Tgħid li kienet tara li l-attur kien ikun passiv u ma tantx kien ikompli fil-konverżazzjoni. Tgħid li l-konvenuta kienet iġġib lit-tifel il-knisja u li t-tifel kien dejjem ikun jiġri m'ommu. Tgħid li l-familja għall-konvenuta kienet tiġi l-ewwel u kienet ssegwi lit-tifel fl-iskola u tinkoraġġih jistudja. Tgħid li darba kienu marru l-Art Imqaddsa magħhom u damu madwar xi għaxar (10) t'ijiem. Tgħid li ħafna drabi kienu jitilqu weħedhom u ħafna drabi kienet tidher tensjoni bejniethom. Meta jiġu lura kien ħafna drabi jkollhom xi argument. Iżżid li l-attur ma tantx kien jidħol fil-konverżazzjoni mal-grupp. Tixhed illi l-konvenuta hija bniedma ġenwina, qalbha tajba, intelliġenti, fejn hemm bżonn dejjem issibha, dejjem qabżet għal ħaddieħor u li l-familja kienet tiġi qabel kollox għaliha. Tgħid

[24] Fol. 1583.

li dan tafu għaliex kienet taraha li kienet iddedikata f'kollox, kemm bħala manteniment tad-dar u anke kienet tkun dejjem ħsiebha li tmur id-dar fil-ħin biex tkun hemm meta jirritorna l-attur u jsib kollox lest. Tgħid li taf li l-attur kien joħroġ kmieni filgħodu u jidħol tard bil-lejl u tgħid li meta kienu joħorġu l-partijiet kienu jmorru tard għax l-attur kien idum ix-xogħol.

In *kontro-eżami*[25] tgħid li kienet tiltaqa' ma' l-attur ukoll fil-*prayer meetings* ta' nhar ta' ġimgħa li kien jattendi għalihom ukoll l-attur. Tgħid li wara l-*meeting* kienu joqgħodu jieħdu kafe iżda l-attur kien jitlaq. Tgħid li l-konvenuta waqfet tgħin fil-knisja fl-aħħar erba' (4) snin u li d-dar taf li qatt ma naqasha xi ħaġa u li kienet iżżommha bħala persuna. Tgħid li l-konvenuta kienet bil-għaqal u kapaċi tagħmel kollox u li kien ikun hemm bżonn kienet tagħmlu. Tikkonferma li l-konvenuta qieħda issa tiffrekwenta lil xi ħadd iżda ma tafx x'tip ta' relazzjoni għandhom. Taf biss li kultant imorru jieħdu *drink*. Tgħid li l-konvenuta f'dawn l-aħħar erba' (4) snin bdiet tbati b'ħafna kundizzjonijiet ta' saħħa *'naf li ghandha hafna problemi, ghand it-tobba, l-isptar, menstrual problems, dahra, backaches'.* Tgħid li dawn l-aħħar ħames – sitt snin bdiet tbati b'dawn il-problemi kbar u li waqfet tgħin fil-knisja anke iktar minn erba' snin ilu.

*<u>Il-Prinċipji legali u l-applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-liġi tagħna f'Artikolu 2 tal-Kap 16 tiddisponi kif ġej dwar l-obbligi tal-miżżewġin lejn xulxin:

*"(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*

*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom.* ***Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn***

[25] Seduta tal-14 ta' Novembru 2017 a. fol. 462.

***xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment."***

F'każ li xi parti tkun trid titlob is-separazzjoni mit-tali żwieġ il-liġi nostrana tgħid f'Artikoli 38 u 40 illi:

*"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra." u*

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

Il-Qorti tosserva illi meta tiġi biex tkun ikkunsidrata l-ħtija l-Qrati tagħna dejjem irritenew li wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux inċident iżolat iżda serje ta' inċidenti li joffendu lill-parti l-oħra b'mod li dik il-persuna jaffetwawha negattivament u b'mod profond. Kif tgħid il-Qorti fil-kawża **Jethro Bugejo *pro et noe* vs Josette Bugeja Micallef**[26]

*"Kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni* ***l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri*** *('Caterina Agius vs benedict Agius" Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967 liema episodji 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha furur, ezaverbazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom (Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246)."*

Għaldaqstant jekk wieħed jikkunsidra l-ħtija ta' xi parti jew oħra din għandha tirriżulta minn atti konsistenti u li jirrepetu ruħhom b'mod illi dawn jirriżultaw f'abitudni illi ma tħallix dik is-serenita` neċessarja biex iż-żwieġ jista' jirnexxi. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1942, fl-ismijiet **Maria Micallef vs Giuseppe Micallef**, il-Qorti tal-Appell fil-fatt insenjat illi: *"Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni*

[26] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fid-9 ta' Ġunju 2020 (Rik. Ġur. Nru 217/2014AL).

*personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi".*

Jiġi rilevat iżda, li biex ikun hemm ħtija ma hemmx għalfejn jikkonkorru s-sevizzi, l-inġurji gravi, t-theddid u l-minaċċi kollha flimkien iżda huwa biżżejjed li jiġi ppruvat wieħed minnhom. Fil-kawża fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson**[27] il-Qorti sostniet illi:

"*Issa kif inhu pacifiku "purche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessrio che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondametne I riguardi della convivenza coniugale."*

Jingħad fis-sentenza **TRH vs XRH**[28] illi *"Huwa sinifikanti li jigi senjalat li teżisti distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi.*

*Il-Fadda jgħallem illi:- "Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".*[29]

*Mill-banda l-oħra:- "Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[30]

*Baudry Lacantinerie jikkonferma illi:- Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*[31]

…

[27] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-12 ta' Mejju 1925.
[28] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-18 ta' JLr 2018 (Rik. Ġur. Nru. 117/17RGM).
[29] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[30] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.
[31] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

*Dwar ingurji gravi, jinghad illi:- " l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom"*[32]

Fil-Kawża fl-ismijiet **AB vs C *sive* DB**[33] il-Qorti tgħid *"Il-gurisprudenza nostrana ikkonsidrat manifestazzjonijiet kontinwi u fit-tul ta' indifferenza persistenti minn konjugi lil konjugi l-iehor jew l-ohra bhala ammontanti ghal sevizzi fis-sens tal-Artikolu 40. (Vide Charmaine Zahra pro et noe vs. Alfred Zahra, Prim'Awla, 27 ta' Gunju 2003 - "Il-Qorti tahseb li r-ragunijiet adotti huma sfumaturi ta' l-istess haga peress illi anke ghalkemm l-inkompatibilita` tal-karattru per se` ma tikkostitwix motiv fost dawk elenkati mil-ligi li jakkorda d-dritt ghas-separazzjoni, eppure "la stessa non puo non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione" (Vol. XXVIII P II p 298). Tant dan hu hekk illi fl-istess sentenza jinghand ukoll illi "un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale";*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, Artikolu 38 tal-Kap 16 jistipula illi: *"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra"*.[34] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[35].

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[36] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u*

[32] Marthese Vella *pro et noe* vs. George Vella – Prim'Awla, deċiża 28 ta' Frar 2003.
[33] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-27 ta' April 2017 (Rik. Ġur Nru. 15/13RGM).
[34] Artikolu 38 tal-Kap 16.
[35] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[36] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

*preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall- konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li tinsab moralment konvinta li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser b'mod irremedjabbli minħabba l-attitudni tal-attur illi jirriżulta illi matul iż-żwieġ għalkemm kien jagħmel minn kollox biex jagħti l-almu tiegħu fix-xogħol billi anke kif jikkonferma hu jaħdem minn kmieni filgħodu sa tard bil-lejl ma kienx jagħti importanza lil aspetti oħra tal-ħajja tal-familja. Il-Qorti tinnota b'ammirazzjoni l-fatt illi l-attur kien jaħdem siegħat twal b'mod illi l-familja, kif anke tgħid il-konvenuta, ma kien jonqoshom xejn materjalment, u fil-fatt it-tifel kien imur skola privata, kienu jsiefru spiss, l-attur kien jagħti rigali ta' ċerta valur lil martu u ċerti kapriċċi, anke jekk meqjusin, il-konvenuta setgħet tagħmilhom. Iżda mbagħad nesa li l-familja ma tgħix bil-flus biss (kif jissenjalizza Artikolu 2 stess tal-Kap 16 kif hawn fuq kkwotat) iżda wkoll billi jkun iktar preżenti kemm fil-ħin iżda wkoll permezz tal-attitudni tiegħu. Waħda ma tpattix għall-oħra u l-attur jidher li ma setax japprezza li biex il-ħajja konjugali tirnexxi kien jeħtieġ bilanċ bejn il-ħajja lavorattiva u l-ħajja konjugali, li wkoll teħtieġ impenn, attenzjoni u xogħol. Il-Qorti hija tal-fehma li din hija r-raġuni ewlenija għaliex dan iż-żwieġ ma rnexxiex. Dan, però, ma jfissirx li kien hemm raġunijiet oħra, li setgħu jew ma setgħux twieldu minn dan in-nuqqas da parti ta' l-attur.

L-attur ma jagħtix spjegazzjoni sodisfaċenti għalfejn iż-żwieġ tkisser iżda jgħid biss illi ma kienx rispettat ġewwa daru u li martu kienet twaqqgħu għaċ-ċajt u tinsulentah quddiem in-nies. Ta' dan, għalkemm jgħid li jġib prova tat-tgħajjir *etc* fir-rikors tat-23 ta' Marzu 2017[37] u bir-recording

[37] Fol. 385.

anness li rrekordja l-attur fejn iż-żewġ partijiet jivvessaw lil xulxin, ma jġibx prova jew korroborazzjoni ta' xhieda li tipprova li tul iż-żwieġ martu ma kinitx tirrispettah u għalhekk tkisser iż-żwieġ. Huwa minn ewl id-dinja li argument wieħed ma jipprovax asserzjoni li tali aġir seħħ matul iż-żwieġ, u hawnhekk ukoll jista' jiġi apprezzat aħjar l-insenjament tal-ġurisprudenza hawn fuq ċitata li r-raġunijiet għat-tifrik taż-żwieġ iridu jkunu sa ċertu punt abitudinali.

Il-provi li jinġiebu juru illi hu kien jaf li għandu mara bieżla u tal-galbu. Huwa jgħid ukoll illi martu tant kienet iebsa miegħu fil-flus li kien jgħix bil-ftit. Madanakollu l-Qorti ma tħossx li dan għandu mis-sewwa għaliex kieku kien jibda jinteressah li jamministra l-flus jekk mhux hu waħdu iżda flimkien ma' martu.

Rigward il-kwistjoni tar-raġuni għat-tifrik taż-żwieġ, il-provi prodotti huma dawk min-naħa tal-konvenuta fejn oħt il-konvenuta tispjega[38] l-karattru diffiċli li kellu l-attur fejn tirrakkonta anke episodji speċifiċi fejn l-attur kien juri attitudni stramba u passiva u ħafna drabi anke meta msefrin kien joqgħod bil-geddum.[39] Dan kif tixhed ukoll O P,[40] il-ħabiba tal-partijiet, li tgħid li l-attur kien ikun passiv fil-preżenza tagħhom u anke meta jsiefru kien jinqata waħdu. Oħt il-konvenuta tgħid ukoll li minħabba x-xogħol qatt ma kellu ħin u dan anke fi żmien l-għerusija. Ħafna drabi kien iħalli lill-konvenuta u lit-tifel jistennew u hi tgħid li taf b'dan kollu kemm għax kienet għadha torqod fl-istess kamra ta' oħtha, meta oħtha kienet għadha għarusa u kemm fiż-żwieġ meta kienet toħroġ magħhom. Tgħid ukoll li meta kien ikun sejjer jiekol għandhom kienu jaqbdu u jieklu u l-konvenuta toqgħod tistennih għaliex qatt ma kellu ħin u ħafna drabi kien jibqa' xogħol sa' tard.

L-attur jinsisti illi huwa żamm il-konvenuta fuq wiċċ l-idejn materjalment u dan hi ma tiċħdux iżda wieħed jinnota wkoll li hi minn naħa tagħha ma ħaditx vantaġġ minn dan anzi kienet bil-għaqal fi flushom fejn apparti li kienet tieħu ħsieb dak li jidħol, tinvesti u ma tberbaqx id-dħul, anke meta l-attur xtralha arloġġ li kien jiswa tnax-il elf (12,000) Ewro bħala rigal għaliha stess, din marret tbiddlu għal wieħed li kien nofs il-prezz u meta

[38] Fol. 143.
[39] Fol. 143.
[40] Fol. 1583.

kien ser jixtrilha ċurkett ratu ogħli u ndunat li qed tħallas għall-isem u għalhekk staqsiet kemm jiġi jekk jaħdmulha ieħor u kien jiġi kwart tal-prezz għalhekk ħadet dak. Għalhekk ma jkunx ġust li issa l-attur ipinġi lill-martu bħala mara kapriċċjuża li ma kinitx tapprezza dak li jġib fuq il-mejda. Tant fil-fatt kien jafda l-mod kif tmexxi flusu li jħalli f'idejha kompletament fl-amministrazzjoni tad-dħul u ma jagħmel l-ebda tenttativ biex jibda jamminsitra l-flus hu.

Tenut dan kollu hawn fuq premess, Il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li l-ġid materjali tal-partijiet rriżulta mhux biss mix-xogħol bieżel li ċertament kien jagħmel l-attur, iżda wkoll għall-amministrazzjoni għaqlija tal-konvenuta ta' ġidhom.

Tixhed ukoll O P li kienet taf lill-partijiet għaliex il-konvenuta kienet ingħaqdet fi grupp volontarju tal-knisja. Hija tixhed li kienet mara "*ġenwina, qalbha tajba, intelliġenti, fejn hemm il-bzonn dejjem issibha".*[41] Tgħid li kienet ukoll tkun moħħha biex tmur id-dar u l-attur isibha hemm u kollox isib lest. Jidher li l-attur stess tant kien jaf li għandu mara bil-għaqal mill-kliem li kien juża fil-*cards* li tippreżenta l-konvenuta stess fejn jgħidilha li hu *proud* li hija martu u juża kliem bħal *grateful and unique*.[42]

L-attur jidher li naqas milli jifhem illi l-fatt li ma kienx qed jagħmel ħin għall-familja, lanqas għat-tifel tiegħu stess, li kif tixhed oħt il-konvenuta hi kienet tinteressa ruħha fit-tifel iktar minn missieru, kien qed jaffetwa d-dinamika ta' bejn il-partijiet. Jidher illi l-attur minn dejjem għex ħajja ta' xogħol kontinwu. Anke s-Sibtijiet u l-Ħdud kien f'xi ħinijiet imur ix-xogħol u għalhekk lanqas kellu ġurnata waħda sħiħa dedikata lill-familja, saħansitra matul il-ġimgħa jidher li kien imur id-dar meta t-tifel kien ikun diġà rieqed. Kif tixhed oħt il-konvenuta, anke meta oħtha kienet tmur għandhom turi l-*progress reports* tat-tifel, l-attur kien jibqa' passiv. Wieħed jifhem li peress li l-konvenuta ma kinitx taħdem barra mid-dar mela kellha l-ħin biex tindokra t-tifel fl-iskola u kellha fil-fatt id-dmir li tagħmel dan għaliex ried ikun hemm il-bilanċ bejn il-partijiet f'dak li huma dmirijiet; madanakollu dan ma jfissirx illi ma kellux il-missier jieħu minimament interess fl-iżvilupp ta' ibnu li tant jidher li kien indukrat sew li anke kompla fil-karriera ta' tabib. Minkejja li qatt ma ħalla l-familja tiegħu

[41] Fol. 1584.
[42] Fol. 1959.

nieqsa minn xejn u anke kien jagħti lill-konvenuta rigali ta' ċertu valur, il-kontribut ta' l-attur fiż-żwieġ waqaf hemm u ħalla r-relazzjoni tiddeterjora mingħajr ma pprova jieħu passi biex jinduna x'kien għaddej u juri li jrid jirranġa ftit is-sitwazzjoni. Il-fatt waħdu li l-konvenuta dehrilha li kellhom imorru għal *counselling* messu fetaħ għajnejn l-attur għal dik li l-Qorti tista' tifhem biss bħala karba ta' għajnuna sabiex iż-żwieġ isalva.

Il-konvenuta ssemmi wkoll każ[43] fejn wara riċeviment illi tiegħu tippreżenta l-invit, ta' għeluq żmien iz-ziju tal-attur f'Awwissu 2014, l-attur qabad u mar ir-riċeviment u hi marret warajh. Tgħid li hu ma kienx qed jistenniha u meta rritornaw id-dar kien għadu rrabjat u tgħid li kien vjolenti magħha. Tgħid li din kienet l-ewwel darba li kien vjolenti magħha u li kien hemm xi darbtejn oħra wara dan. Madanakollu hija lanqas ma tagħmel rapport mal-Pulizija. Fin-nuqqas ta' prova oġġettiva, imqar fil-forma ta' rapport, il-Qorti ma tistax tkun konvinta li tassew seħħew dawn l-episodji ta' vjolenza, u kwindi lanqas ma tista' l-Qorti tiddeċiedi li kien hemm elementi ta' vjolenza u moħqrija li fihom nfushom setgħu kienu l-kaġun tat-tifrik taż-żwieġ. Madanakollu, l-Qorti se tieħu l-opportunita` li tiċċara li hija tiddeplora l-vjolenza għal kwalunkwe raġuni u fi kwalunkwe każ.

Issa kif ingħad diġà, jirrizulta li l-partijiet marru għand diversi *counsellors*. Il-konvenuta ssemmi li marru għand Dun Gorg Dalli, Patricia Camilleri u Charlie Azzopardi, kemm flimkien kif ukoll separatament u l-konvenuta tgħid li l-parir tagħhom kien wieħed, dak li l-attur kellu jnaqqas ftit mill-ħinijiet tax-xogħol u jiddedika iktar ħin għall-familja, *"jgħidilna li l-problema hija li A hajtu dominata mix-xoghol biss u li jien qed inhossni neglected u lonely u li A irid jaghti sehmu fil-familja mhux biss billi jġib il-flus id-dar."*[44] Meta mistoqsi in *kontro-eżami* dwar x'kien ikun il-parir tal-*counsellors* l-attur jgħid li ma jiftakarx[45] u lanqas jipprova jagħti spjega ta' dak li ddiskutew u għalhekk il-Qorti ma għandiex ma temminx il-verżjoni tal-konvenuta dwar dawn il-pariri, filwaqt illi tosserva li, fl-aħjar ipoteżi għall-attur, f'dan ir-rigward il-Qorti tqis verosimili x-xhieda li qalu li l-attur ma kien jinteressa ruħu f'xejn, għaliex il-Qorti jidhrilha li f'mument daqstant delikat, hija tistenna li imqar l-attur ikun ħosbien fuq iż-żwieġ

[43] Fol. 96.
[44] Fol. 95.
[45] Fol. 1539.

tiegħu u għalhekk jiftakar imqar il-ġist ta' dak li jkun intqal waqt is-seduti. Il-Qorti għalhekk tqis daqstant verosimili wkoll il-verżjoni tal-konvenuta li l-attur lanqas prova jieħu inizjattiva sabiex ibiddel l-affarijiet, u l-vaganzi u l-ħruġ kienu jsiru b'inizijattiva biss tal-konvenuta.

Il-Qorti ma tħossx li l-attur ipprova sal-grad rikjest mil-Liġi li l-konvenuta hija ħatja tat-tkissir taż-żwieġ għaliex kien ħsiebha biss fil-flus u li lilu kienet tħallih nieqes mill-flus. Kien hu anzi li jgħid li kien jinsisti magħha sabiex tamministra l-flus hi għaliex kien jafdaha u hi tant jidher li kienet attenta għal flus li meta kien jiġbed xi ammont sostanzjali u hi ma tkunx taf kienet tiġbidlu l-attenzjoni għaliex kienet tkun trid tkun taf hemmx biżżejjed biex tamministra l-kontijiet. L-attur ma jidhirx li kellu problema bil-mod li kienet qed tamministra l-flus il-konvenuta anzi kien komdu li kien iġib il-flus id-dar u għandu l-mara kapaċi tamministrahom b'mod bil-għaqal. L-attur iġib prova ta' tgħajjir minn naħa tal-konvenuta iżda dan f'ċirkostanzi meta l-proċeduri ta' separazzjoni kienu diġà bdew u għalhekk il-Qorti ma tħossx li dawn kienu r-raġuni għall-firda.
Fil-fehma tal-Qorti l-attur ma rnexxielux jipprova illi l-konvenuta kienet ħatja ta' *"sevizzi, eccessi u ingurji gravi"* li jistgħu jitqiesu li huma l-kawża prossima tat-tifrik taż-żwieġ, kif allegat mill-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu.

L-attur jintavola rikors fil-mori tal-kawża[46] sabiex il-Qorti tawtorizżah jintavola affidavit ta' "*ċertu Q N*" li "*sema' lill-intimata stess tiftahar li hija ghandha relazzjoni intima ma' raġel miżżewweġ."* u l-Qorti permezz ta' digriet tas-27 ta' Frar 2023 ordnat l-isfilz tat-tali affidavit.[47] Permezz ta' rikors ieħor imbagħad, l-attur talab[48] ukoll illi l-aggravju tal-adulterju jiġi nkluż fir-rikors ġuramentat peress li sar l-attur sar jaf din l-informazzjoni meta ddikjara l-provi magħluqa. Dan ir-rikors ġie wkoll miċħud.[49] Il-Qorti hija ta' l-istess fehma fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' adulterju magħmula mill-attur. Jgħid l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu illi kienet O P, xhud prodotta mill-konvenuta li '*kienet semmitelha li kellha partner*'[50]. O P tgħid meta mistoqsija[51] iktar minn darba fejn tirrepeti "ma nafx jekk hux

[46] Rikors tal-attur tat-8 ta' Frar 2023 a. fol. 1971.
[47] Fol. 1978.
[48] Rikors tat-12 ta' Ġunju 2023 a. fol. 1983.
[49] Digriet tat-30 ta' Ġunju 2023 a. fol. 1998.
[50] Nota tal-attur tat-8 ta' JLr 2014.
[51] Xhieda ta' O P fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021 a.fol. 1582.

partner" tgħid li "*nassumi li kien partner*". Meta mistoqsija għal darba oħra "*Jekk kellhiex partner jew le?"* hija tirrispondi "*kellha, issa jekk you can call him partner, issa kemm il-darba jiltaqghu*" u tgħid li ma tafx x'tip ta' relazzjoni kellhom bejniethom. Ix-xhud tgħid li dan saret tafu meta ltaqgħet mal-konvenuta xi erba' ġimgħat qabel. Ix-xhud kienet qed tixhed fis-16 ta' Novembru 2021 u għalhekk wieħed ċertament illi ma jistax jattribwixxi t-tort għat-tkissir taż-żwieġ għal kwalunkwe allegat adulterju *da parti* tal-konvenuta li seta' rriżulta issa. *Di piu`*, il-Qorti lanqas ma tqis din ix-xhieda bħala konklussiva ta' adulterju *da parti* tal-konvenuta llum, *stante* li l-prova trid tkun waħda li ma tħalli ebda dubju f'moħħ il-Qorti, mentri x-xhieda ta' O P ma tagħti ebda inċisivita` fuq dan il-punt. Li persuna tkun qed tiffrekwenta persuna oħra fiha nnifisha ma hiex il-prova ta' adulterju. L-adulterju jrid jiġi ppruvat permezz ta' provi ta' aġir esternat *da parti* tal-persuna ħatja ta' l-adulterju li permezz tagħhom il-Qorti jkollha dak il-konvinċiment morali li tassew dik l-infedelta`, emozzjonali, fiżika, jew it-tnejn, tkun tassew seħħet.

*L-Azzjoni Rikonvenzjonali dwar it-Tkissir taż-Żwieġ*

Il-konvenuta min-naħa tagħha tgħid li ż-żwieġ tkisser irremedjabbilment tort tal-attur "*u dan fost affarijiet oħra billi huwa konsistentement injora lil martu u l-interessi tagħha u minħabba li ppermetta indħil serju minn naħa tal-familjari tiegħu kif ukoll minħabba nuqqas serju ta' komunikazzjoni minn naħa ta' A B"*, kif ukoll wara li kkommetta adulterju.

Kif hawn fuq premess, il-Qorti temmen li kien il-karattru passiv tal-attur li wassal sabiex iż-żwieġ jitkisser. Il-karattru tiegħu ħareġ kemm fil-mod kif għex il-ħajja miżżewġa fejn kien jinvesti tant ħin fix-xogħol u ħafna inqas fir-relazzjonijiet ma' martu u ibnu mingħajr ma kien hemm dak il-bilanċ neċessarju sabiex iż-żwieġ jista' jsalva u kif ukoll meta kienu jiltaqgħu ma' nies oħra fejn lanqas kien jipprova jidħol fil-konverżazzjonijiet magħhom u jintegra. Il-Qorti ma tħossx li l-indħil tal-familjari wassal għat-tkissir taż-żwieġ għaliex meta l-konvenuta stess riedet tiqfilhom. Wieħed irid japprezza l-fatt ukoll illi t-tip ta' *family business* li kien involut fih l-attur awtomatikament iġib miegħu ċerta rabtiet mal-familja.

Il-Qorti sejra issa tħares lejn l-akkuża tal-adulterju u/jew tradiment li l-konvenuta tgħid li l-attur ikkommetta fil-konfront tagħha. Hija tinsinwa illi

meta kienu jkunu msefrin kien ikun ħsiebu hawn Malta qisu nesa lil xi ħadd warajh iżda fl-istess ħin dan seta' kien ħabba x-xogħol għaliex kien ħsiebu ħafna fix-xogħol. Hija tgħid fl-affidavit tagħha illi f'Awwissu 2015 kien kunċert *hand in hand* ma' terza persuna u fil-*kontro-eżami* tgħid li kienu l-ħbieb tat-tifel li rawh u li la hi u lanqas it-tifel ma rawh ma din it-terza persuna. Tajjeb li jiġi rilevat li dawn il-persuni ma nġabux biex jixhdu, u kwindi dan jibqa' *detto del detto.* Wara dan l-inċident hija tgħid li ratlu l-*mobile* u tipproduċi *chats* ma' din F G. Mid-dokumenti ppreżentati jidhru għadd ta' telefonati ma' F G fl-istess żmien li jissemma dan l-inċident u *chats* fejn jintuża lingwaġġ intimu bħal *my love*. Huwa jinsisti fil-*kontro-eżami* li F kienet biss ħabiba tiegħu u li ilu jafha minn meta kienu żgħar meta kienu jiltaqgħu s-Sliema Pitch.

Max-xhieda tagħha tas-17 ta' Novembru 2022, l-konvenuta tippreżenta wkoll għadd ta' *screenshots* ta' *chats* u telefonati ma' nisa oħra kif ukoll żewġ ritratti ta' nisa differenti.[52] Dawn jidhru madanakollu li seħħew snin wara t-tifrik taż-żwieġ u għalkemm xorta jista' jirriżulta adulterju iżda ma kienux il-kawża tat-tkissir taż-żwieġ.

Il-Qorti tħoss li r-relazzjoni ma' F G kienet waħda ta' iktar minn sempliċement ħbiberija u kif jidher din seħħet fiż-żmien meta l-partijiet kienu fil-bidu tas-separazzjoni. Il-konvenuta tgħid ukoll illi fi Frar 2015, qabel bdiet is-separazzjoni, l-attur beda joħroġ mingħajr ċurkett. Madanakollu il-Qorti ma tħossx li l-provi miġjuba dwar l-adulterju kienu "*gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*"[53] kif titlob il-każistika nostrana. Il-konvenuta setgħet ppruvat iġġib iktar provi dwar din ir-relazzjoni sabiex tipprova b'mod ekwivoku li kien hemm relazzjoni adultera. Madanakollu wieħed lanqas jara li din setgħet kienet sempliċiment relazzjoni ta' ħbiberija mingħajr intenzjonijiet oħra, u fl-aħjar ipotesi għall-attur, kien qiegħed ifittex iżjed mis-sempliċi ħbiberija. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Mariella Chetcuti vs George Chetcuti**[54]:

*"Fuq il-bazi tal-probabbilità, din il-Qorti, f'dak li ghandu x'jaqsam mal-hbiberija ta' l-appellata ma' terza persuna, tqis il-verzjoni tal-appellant*

[52] Fol. 1941.

[53] Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna, deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

[54] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis- 6 ta' Settembru, 2010 (Appell Ċivili Nru. 181/2005/1).

*aktar verosimili imsahha minn dak li xehedet l-appellata nnifisha, in-nuqqas ta' dehra ta' Maurice Cassar u d-dokumentazzjoni pprezentata mill-kumpanniji tat-telekomunikazzjoni u l-fatt li biex saru daqstant kuntatti telefonici ifisser li xi darba jew ohra l-appellata u t-terza persuna kienu ltaqghu u taw in-numri tat-telefon cellulari taghhom lil xulxin. Ghalhekk, l-ingurja gravi tirrizulta".*

Il-Qorti tħoss illi għalkemm l-adulterju ma ġiex pruvat *da parti* tal-attur b'mod skjaċċanti, madanakollu dan l-aġir ċertament jirriżulta f'inġurja gravi li kompla jtellef milli l-attur jieħu dik l-inizzjattiva neċessarja sabiex isalva ż-żwieġ mal-konvenuta u bl-aġir tiegħu kompla ssiġilla t-tifrik taż-żwieġ.

Għaldaqstant jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Mill-provi il-Qorti tinsab f'konvinċiment illi ż-żwieġ tkisser *in primis* minħabba l-attitudni ta' l-attur. Il-Qorti tħoss li għandha raġunijiet serji sabiex tasal għall-konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irremedjabbli, u konsegwentament issib primarjament lill-attur ħati ta' sevizzi u nġurji gravi.

### 3. L-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16:

L-attur jitlob li jiġu applikati fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha ta' L-Artikoli 48 u 51 tal-Kap 16, filwaqt li l-konvenuta rikonvenzjonali titlob li jiġu applikati kontra l-attur l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16.

Il-Qorti tfakkar li l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, il-Qorti sabet lill-attur ħati tat-tkissir taż-żwieġ minħabba sevizzi u inġurji gravi minn naħa tiegħu iżda ma tħossx li f'dan il-każ għandha tapplika fil-konfront tiegħu l-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 u għalhekk il-komunjoni ser tinqasam kif ġej.

## 4. Manteniment għall-konvenuta

Il-Qorti tibda biex hawn tagħmel referenza għal dak li tipprovdi l-liġi dwar min fost il-miżżewwġin għandu l-obbligu li jipprovdi l-manteniment u għal liema raġunijiet il-miżżewweġ jiddekadi mid-dritt li jirċievi manteniment mingħand il-parti l-oħra. Skont Artikolu 3 tal-Kap 16 l-obbligu huwa fuq il-konjuġi t-tnejn li jmantu l-xulxin:

*"Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skond il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja."*

Parti li għandha dan l-obbligu li tmantni lill-parti l-oħra **tiġi eżonerata** milli tipprovdi l-manteniment jekk il-parti l-oħra tkun il-ħtija tal-firda għar-raġuni msemmija fl-Artikolu 38 tal-Kap 16 (adulterju) skont Artikolu 48 (1)(d). Meta *si tratta* ta' ragunijiet oħra inkluż li ż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment - japplika l-Artikolu 51 li jipprovdi li l-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 40, **tista'** jkollha l-effett imsemmi fl-Artikolu 48 meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 48. Bis-saħħa tal-Artikolu 52, imbagħad, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni "*li tiddeċiedi, skond iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48, għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkellha, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.*"

Il-Qorti attribwixxiet il-firda għal raġunijiet oħra li tagħhom irriżulta li hu ħati l-attur. Min-naħa l-oħra, u fid-dawl tal-fatt li l-konvenuta ma nstabitx ħatja, din tal-aħħar għandha l-jedd li titlob il-manteniment minn għand żewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miz-zwieġ. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundL ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom"*.[55]

---

[55] Ara s-sentenza fl-ismijiet Donald Pirotta vs O Pirotta, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.

Il-Qorti ddeċidiet permezz ta' digriet tat-30 ta' Mejju 2015 li l-attur għandu jagħti lill-konvenuta s-somma ta' mitejn u ħamsin (250) Ewro fix-xahar bħala manteniment għaliha u dan id-digriet qatt ma ġie revokat għalkemm saru diversi rikorsi mill-attur b'dan il-għan. L-attur issa qed jitlob li ladarba huwa ġab provi li jippruvaw l-adulterju minn naħa tal-konvenuta, anke jekk l-adulterju seħħ wara t-tifrik taż-żwieġ, hija b'dan l-aġir iddekadiet milli tirċievi manteniment mingħand żewġha. Kif diġà hawn fuq premess, dan l-argument m'huwies siwi kemm-il darba l-Qorti diġà esprimiet il-fehma tagħha li l-adulterju *da parti* tal-konvenuta ma ġiex ipprovat sal-grad rikjest mil-Liġi.

Fil-Kawża fl-ismijiet **AB vs C *sive* DB**[56] *"...il-Qorti hi tal-fehma illi tenut kont illi l-konvenuta qattghet snin twal tiddedika l-energija kollha taghha sabiex tiehu hsieb il-familja u d-dar u ma kellhiex impieg barra d-dar; tenut kont il-limitazzjoni li l-konvenuta ghandha f'dak li hu potenzjal lavorattiv; tenut kont illi l-attur ghandu impieg li jiggenera salarju tajjeb; tenut kont illi l-attur qed jinstab unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg; u tenut kont il-livell ta' ghixien gholi li l-konvenuta kienet tgawdi qabel ma l-attur abbanduna d-dar matrimonjali, l-Qorti qed tikkundL lill-attur ihallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha s-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (Euro350) fix-xahar ..."*

Il-Qorti hawn tħoss illi għalkemm il-konvenuta qatt ma ħarġet taħdem dan għamlitu għaliex: fil-bidu taż-żwieġ waqfet minħabba li kienet tqila, mbagħad l-attur dejjem baqa' jaħdem ħinijiet twal barra mid-dar u għalhekk kellha tkun hi li tieħu ħsieb lil binhom li mix-xhieda prodotta kienet tagħmel b'dedikazzjoni kbira, kienet tieħu ħsieb id-dar kbira li kellhom u kienet tieħu ħsieb ukoll l-finanzi tal-konjuġi għaliex l-attur kien jirrifjuta u jgħid li mhux kapaċi li jagħmel dan u fil-fatt fil-kontro eżami jgħid li minn meta waqfet tamministra l-finanzi l-konvenuta huwa ma baqax jinvesti iktar.[57] Għaldaqstant wara tagħrbil tal-provi akkwiżiti, il-Qorti tħoss illi s-suċċess finanzjarju tal-konjuġi ma kienx ikun possibbli biss bil-ħidma tal-attur. L-attur seta' jiġġenera dak l-introjtu biss għaliex il-konvenuta kienet id-dar tieħu ħsieb lil binhom, id-dar u l-finanzi ta' bejniethom. Bl-introjtu li kellhom ma jidhirx li l-konjuġi kienu jħossu l-

[56] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-27 ta' April 2017 (Rik. Ġur Nru. 15/13RGM).
[57] Seduta tat-13 ta' April 2021 a. fol. 1534.

bżonn li l-konvenuta toħroġ taħdem infatti hi kienet tmur tagħmel volontarjat mal-parroċċa. Kif tixhed O P iżda, minn iktar minn erba' snin qabel ma xehdet l-konvenuta ma kinitx għadha tmur tagħmel volontarjat. Hija tgħid li "*naf li ghandha hafna problemi, ghand it-tobba, l-isptar, menstrual problems, dahra backaches"*[58] Il-konvenuta tippreżenta wkoll il-file mediku tal-isptar sabiex tipprova li għandha problemi mediċi u għalhekk iktar diffiċli għaliha biex issa toħroġ taħdem.[59] Il-Qorti ma tħossx li wara dawn is-snin kollha tagħti l-kontribut tagħha mid-dar il-konvenuta għandha titħalla *lampa stampa* anke għaliex issa bil-ftit jew ħafna problemi ta' saħħa li għandha, l-età tagħha magħduda mal-fatt li prattikament qatt ma kellha impjieg, ma hux faċli għaliha biex toħroġ taħdem.

Fil-kawża fl-ismijiet **AB vs CB**[60] il-Qorti tgħid illi:

*"Dan ifisser li l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar minngħand il-konvenut."*

F'dan il-każ l-attriċi ġabet il-prova tad-dħul tal-attur kemm fil-forma ta' paga kif ukoll fil-forma ta' dividends u introjtu ieħor illi kien jitħallas għal *overtime, leave u sick leave* li ma jittieħidx u ħareġ ampjament ċar li fiż-żwieġ il-konjuġi kienu jgħixu komdi kif it-tnejn jaqblu u għalhekk hemm introjtu suffiċjenti minn naħa tal-attur biex jingħata ammont ta' manteniment. Kif diġà ngħad l-attur seta' jibqa' jikber fil-*business* tal-familja għaliex il-konvenuta kienet ta' sostenn għalih ġewwa d-dar tieħu ħsieb lit-tifel tagħhom, tieħu ħsieb id-dar u tamministra l-finanzi u dan bi ftehim bejniethom. Id-dħul tagħha huwa dak li tipperċepixxi mill-benefiċċji soċjali li jammonta għal €51.33 fil-ġimgħa bħala *social assistance* u €3.12 fil-ġimgħa bonus u kull sitt xhur bonus ta' €135.10.[61]

Tenut kont ta' dan kollu iżda wkoll tal-fatt li l-konvenuta ma ġabitx prova fattwali tal-ħtiġijiet tagħha, din il-Qorti tħoss li għandha tikkonferma d-

[58] Xhieda ta' O P fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021. a. fol 1582.
[59] Seduta tat-28 ta' Mejju 2018 a. fol. 508.
[60] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-7 ta' Marzu 2023 (Rik. Ġur. Nru 2/2015AL).
[61] Xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali a. fol. 159.

digriet mogħti fit-30 ta’ Mejju 2015 fl-atti tal-medjazzjoni u għalhekk l-attur jibqa’ jħallas lill-konvenuta l-ammont ta’ mitejn u ħamsin (250) Ewro fix-xahar bħala manteniment għaliha.

5. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta’ dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar it-13 ta’ Lulju 1991, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Permezz ta’ Sentenza parzjali mogħtija nhar il-5 ta’ Diċembru 2018, din il-Qorti laqgħet talba tal-attur u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Din is-Sentenza ma ġietx appellata u għalhekk din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet terminata l-komunjoni bejn il-partijiet.

*Elenku ta’ dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Diviżjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward ta’ dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti kif jirriżulta mill-provi li ġabu l-partijiet:

a. *Dividends* imħallsa minn La Forrest Ltd. (C3856) lil A B bħala *shareholder* fil-kumpanija La Forrest Ltd. mis-sena 1991 il-quddiem;

b. Paga mill-Kumpanija Dewfresh Products Ltd u ħlasijiet oħra ta’ *overtime, sick* u *leave* li ma kienx jittieħed;

c. Mobbli u għodda li jinsabu fid-dar matrimonjali u fil-garaxx anness mad-dar li ma humiex imsemmija fis-sezzjoni tal-assi parafernali;

d. Karozza tat-tip *Skoda Fabia* bin-numru tar-reġistrazzjoni FJD777;[62]

e. Żewġ poloz mal-MSV Life[63] f'isem iż-żewġ partijiet li waħda ġiet terminata u l-bilanċ mar f'joint account u waħda għadha eżistenti u hija s-segwenti:

i. Policy Number FP434298, Comprehensive Flexi Plan miftuħa fl-14 ta Ġunju 2007 u timmatura fit-13 ta' Ġunju 2030;

f. Investimenti fuq isem il-partijiet:

i. 4.6% MGS 2020 (II) u 4.25% MGS 2017 (III)[64] reġistrati fuq isem l-attur bin-numru ta' reġistrazzjoni MSE A/c 9683178;

ii. Investiment f'isem iż-żewġ partijiet fil-La Vallette Euro Income Fund Nru tal-investiment 172763 li fi Frar 2016 kien jammonta għal- €10,249.011;[65]

iii. Investiment f'isem iż-żewġ partijiet fil-La Vallette Monthly Income Fund DIS Nru tal-investiment 172775 li fi Frar 2016 kien jammonta għal- €3865.834.[66]

iv. Investiment f'isem iż-żewġ partijiet fil-HSBC No Load Funds SICAV plc Malta Government Bond Fund-Accumulator Shares Nru tal-investiment 1 01 AB-0078180 0 01 li f'Ġunju 2016 kien hemm 28.7431 units valur ta' ta' €10,000;[67]

g. Rigali li ngħataw mill-attur lill-konvenuta fiż-żwieġ;

h. Il-kontijiet bankarji konġunti jew f'isem il-partijiet separatament li għadhom eżistenti:

---

[62] Dok. TM2 ppreżentat mir-rappreżentant tat-Transport Malta fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2016 a. fol. 218.

[63] Dok DA2 u Dok. DA3 ppreżentati mir-rappreżentanta tal-MSVLife plc fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016 a. fol. 157.

[64] Dok. EA 1 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Malta Stock Exchange fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016 a. fol. 157.

[65] Dok. JB 10 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tad-23 ta' Frar 2016 a. fol. 157.

[66] Dok. JB 11 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tad-23 ta' Frar 2016 a. fol. 157.

[67] Dok. AG8 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank HSBC fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2016 a. fol. 220.

*i.* Current account f'isem l-attur mal-bank BOV Nru tal-kont 40023346989 li sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni kien hemm bilanċ ta' €2112.10.[68]

*ii.* Savings account f'isem il-konvenuta mal-bank BOV Nru tal-kont 40019039572 li fit-12 ta' Frar 2016 kien hemm bilanċ ta' €0.06.[69]

*iii.* Savings e-account f'isem il-konvenuta mal-bank BOV Nru tal-kont 40019050072 li fit-12 ta' Frar 2016 kien hemm bilanċ ta' €460.93.[70] Jiġi relevat li minn dan id-dokument jirriżulta il-ġbid fl-ammont ta' €30,000 allegat mill-attur u konfermat mill-konvenuta kif ukoll li ġew depożitati fil-Qorti l-ammont ta' €27,860.55 maqbuda bil-mandat ta' sekwestru li rreferiet għalih il-konvenuta.

*iv.* BOV EUR Fidda Account f'isem il-konvenuta Nru tal-kont 40020536802 li fit-12 ta' Frar 2016 kien hemm bilanċ ta' €2500.[71]

*v.* Joint Savings account f'isem iż-żewġ partijiet mal-bank BOV Nru tal-kont 40016947010 li sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni kien hemm bilanċ ta' €305.08.[72]

*vi.* Current account f'isem iż-żewġ partijiet mal-bank BOV Nru tal-kont 40017206417 li sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni kien hemm bilanċ ta' €10.00.[73] Jingħad illi minn dan il-kont l-ammont ta' €13.32 ġew depożitati l-Qorti.

*vii.* VISA Gold f'isem l-attur mal-Bank BOV Nru tal-card 4459510008940039 li sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni kien hemm kreditu ta' €730.95.[74]

*viii.* Savings account f'isem l-attur mal-bank HSBC Nru tal-kont 009-002361-050 li fil-15 ta' Ġunju 2016 kellu l-ammont ta' €899.65.[75]

*ix.* VISA account f'isem l-attur mal-Bank HSBC Nru tal-card 4568825010192744 li sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni kien hemm bilanċ ta' €9.15.[76]

---

[68] Dok. JB 2 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 a. fol. 899.

[69] Dok. JB 3 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tad-23 ta' Frar 2016 a. fol. 157.

[70] Dok. JB 4 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tad-23 ta' Frar 2016 a. fol. 157.

[71] Dok. JB 5 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tad-23 ta' Frar 2016 a. fol. 157.

[72] Dok. JB 3 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 a. fol. 910.

[73] Dok. JB 5 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 a. fol. 899.

[74] Dok. JB11 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank BOV fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 a. fol. 899.

[75] Dok. AG1 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank HSBC fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2016 a. fol. 220.

*x.* Savings account f'isem il-konvenuta mal-Bank HSBC Nru tal-kont 009-007501-051 li fil-15 ta' Ġunju 2016 kien hemm bilanċ ta' €0.10.[77] Jingħad però illi ġew depożitati l-Qorti l-ammont ta' €1262.14 in segwitu għall-mandat ta' sekwestru intavolat mill-attur.

*xi.* Current account f'isem l-attur mal-Bank HSBC Nru tal-kont 009-007717-001 li sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni kien hemm bilanċ ta' €3.33.[78]

*xii.* Savings account f'isem l-attur mal-Bank HSBC Nru tal-kont 009-007717-050 li sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni kien hemm bilanċ ta' €0.19.[79]

*Lista ta' assi parafernali tal-partijiet:*

Is-segwenti huma l-lista ta' assi li l-attriċi tniżżel bħala parafernali tagħha:

a. Libsa tat-tieġ; l-attur jgħid li hu ħallas il-libsa tat-tieġ tal-konvenuta u din ġietu elf lira Maltin (Lm1,000) filwaqt li hi tgħid li xtratha hi għall-prezz ta' mitejn u ħamsin Lira Maltin (Lm250);

b. Spejjeż tal-bridesmaids, ħwejjeġ tal-irġiel u aċċessorji tat-tieġ;

c. Kċina, main bedroom u bieb ta' barra;

d. Dota li l-konvenuta tgħid li ħadet magħha fid-dar u li xtrat qabel iż-żwieġ: set tat-television, magna tal-ħjata, borom, platti, tazzi, megna Kenwood, kitla, toaster, lożor, xugamani, twapet u ornamenti tad-dar;

Is-segwenti huma l-lista ta' assi li l-konvenut iniżżel bħala parafernali tiegħu:

a. Id-dar matrimonjali bl-indirizz X, X, Triq il-X, Swieqi nkuż garaxx anness li nxtrat mill-attur qabel iż-żwieġ permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Joseph Brincat tal-5 ta' Marzu

[76] Dok. CM7 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank HSBC fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 a. fol. 899.
[77] Dok. AG3 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank HSBC fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2016 a. fol. 220.
[78] Dok. CM5 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank HSBC fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 a. fol. 899.
[79] Dok. CM6 ppreżentat mir-rappreżentant tal-Bank HSBC fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 a. fol. 899.

1990 fuq liem kuntratt dehru l-attur u missieru I B li deher fuq il-kuntratt bħala mutwant u fejn *"il-komparenti mutwant I B qed jissoministra b'titolu ta self lill mutwatarju A B li jaccetta u jiehu bl-istess titolu s-somma ta erbatax il elf u mitejn lira Maltija (LM14.200) liema somma l- istess mutwatarju waqt li jiddelega lill mutwanti biex ihallasha f'dan l-istess att bhala l-prezz ta fond taht deskritt u dana biex jikkonserva favur tieghu l-privilegg legali, jipprometti u jobbliga ruhu li jirestitwiha lill mutwanti minghajr interessi, in kwantu ghall hamest elef tmien mija u sittin lira Maltija (LM5860) sat-tmienja (8) ta Settembru tas-sena elf disa mija tnejn u disghin (1992) u l-bilanc fi zmien ghaxar snin millum."*[80]

b. Ishma f'La Forrest Ltd (C 3856) li nkisbu minnu fit-8 ta' Mejju 1986.[81]

**Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti sejra tordna s-segwenti pjan ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u assenjazzjoni ta' assi parafernali:**

*Il-mobbli ta' ġod-dar matrimonjali inkluż għodda li jinsabu fil-garaxx*

Dwar il-mobbli kollha li mhux imsemmija fis-sezzjoni ta' assi parafernali li għandhom jiġu assenjati kif hemm deċiż, il-bqija tal-mobbli li l-partijiet ma pprovdewx lista jew valur tagħhom għandhom jiġu diviżi bejn il-partijiet. Fiċ-ċirkostanzi, jekk il-partijiet fi żmien sena ma jiftehmux dwar il-qasma bejniethom ta' dawn il-mobbli qed jiġi ordnat li dawn jinbiegħu bis-subbasta.

*Dividends imħallsa minn La Forrest Ltd. (C3856) lil A B bħala shareholder fil-kumpanija La Forrest Ltd. mis-sena 1991 il-quddiem;*

Skont Artikolu 1320(b) Tal-Kap 16:
*"Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu –*

[80] Kopja tal-kuntratt ppreżentata mal-affidavit tal-attur a. fol. 25.
[81] Xhieda tar-rappreżentant tar-Registratur tal-Kumpaniji fis-seduat tal-15 ta' Ġunju 2016 a. fol. 218.

*b) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand kwalunkwe wieħed mill-konjuġi minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b'wirt, b'donazzjoni, jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fl-akkwisti."*

Huwa ċar illi għalkemm l-ismha li l-attur għandu fil-kumpanija La Forrest Ltd., inkisbu qabel iż-żwieġ kif ser jiġi ritenut iktar 'l isfel, id-*dividends* li jitħallas l-attur minn din il-kumpanija huma parti mill-komunjoni. Ma hemm l-ebda prova li turi li dawn ingħataw b'donazzjoni u għalhekk l-attur ma jistax jgħid li dawn kienu donazzjoni minn missieru biex b'hekk ikollu kreditu ta' l-ammont li ngħata. Huwa ċar li dawn kienu *dividends* li ngħataw lill-attur bħala sehmu fil-kumpanija u għalhekk id-*dividends* li ngħataw mis-sena 1991 sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni u *ċioé* Diċembru 2018 għandhom jiffurmaw parti mill-komunjoni. Il-Qorti hija konvinta li jingħad illi dawn ingħataw b'donazzjoni biss b'qerq biex ma jiffurmawx parti mill-komunjoni. Jekk verament missier l-attur ried li dawn jingħataw b'donazzjoni kellu jirranġa l-istrumenti appożiti tal-liġi li jippruvaw li dawn qed jingħataw b'donazzjoni lit-tifel tiegħu biss.

Jirriżulta mid-dokumenti tal-istess kumpanija illi missier l-attur I B biss kellu l-*A Shares* fil-kumpanija u li uliedu fosthom l-attur kellhom il-*B Shares*. Dan kien ifisser illi:

"*The "A Shares carrying voting rights until death of the present holders and their surviving spouses.*

*The B Shares carry voting rights only after the death of the present holders of 'A' Shares, and their surviving spuses, otherwise they have no voting rights."*

Kif xehdu d-diversi xhieda uffiċjali tal-Kumpanija u awdituri prodotti mill-konvenuta dan kien ifisser illi kien I B li kellu l-*A shares* li kien jieħu d-deċiżjonijiet kollha nklużi x'*dividend* għandu jitħallas lis-*shareholders*. Kif xehed Ian B, direttur tal-Kumpanija fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022.[82]

[82] Fol. 1719.

*"Ifhimni dana bażikament kull ma jkun hemm jiftiehem mal-awditur. Ikun hemm. Jgħid li hu skont ovvjament fuq parir tal-awditur jgħid isma ħa nieħdu dividend jew mhux ħa nieħu dividend. Jiftehmu l-ammonti u mbagħad bażikament ikun hemm il-, is-shareholders l-oħrajn u jiffirmaw li jinħareġ dak id-dividend."*

Jirriżulta wkoll illi xi drabi meta I B ma kienx iqassam *dividends* lil *B Shareholders* bħal ma kien l-attur, kien jagħti ammont mid-*dividends* li jirċievi hu lil *B Shareholders.* Dan jikkonfermah Ian B, direttur tal-Kumpanija La Forrest Ltd. li jippreżenta dokument[83] fejn juri li mis-sena 2015[84] il-quddiem, fis-sena 2017 ingħata P*ayment of dividends I B donated directly to A B* ta' elf, mitejn u sitt (1,206) Ewro. Il-Qorti hija konvinta illi din ma kinitx fil-verità donazzjoni iżda mod kif il-komunjoni ma tiġix vantaġġjata minn dan il-kreditu. Bħal ma l-ammonti fiż-żwieġ kienu jingħataw lill-konvenuta sabiex din tamministrahom għall-familja, bħala parti mill-komunjoni mela dan kellu jibqa' jseħħ sakemm tiġi terminata l-komunjoni. Għalhekk il-konvenuta għandha tingħata nofs l-ammont ta' elf, mitejn u sitt (1,206) Ewro mingħand l-attur li għalhekk jammonta għal sitt mija u tlieta (603) Ewro. Għalkemm mix-xhieda l-Qorti hija konvinta li kien hemm iktar ammonti li ngħataw b'dan il-mod, ma għandiex figuri oħra quddiemha minbarra din il-figura li tista' b'hekk tillikwida favur il-komunjoni;

L-ammont ta' disgħat elef u erba' mitt (9,400) Ewro li l-attur jgħid li taha lura lil missieru wara ġlieda li kellu mal-konvenuta, li joħroġ biċ-ċar li kienu ċ-ċekk tad-*dividends* li kien ingħata dik is-sena 2009 (u li jikkonferma l-attur stess fis-seduta tat-13 ta' April 2021 li huwa l-istess ċekk)[85] għandhom jiġu ritornati fil-komunjoni u b'hekk l-attur għandu jagħti s-somma ta' erbat elef u seba' mitt (4,700) Ewro lill-konvenuta.

*<u>Paga mill-Kumpanija Dewfresh u Ħlasijiet oħra ta' overtime, sick u leave li ma kienx jittieħed</u>*

Il-paga tal-attur sad-data li ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti fil-5 ta' Diċembru 2018 tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenuta

---

[83] Dok. IPA 1 a. fol. 1917.
[84] Is-sena li fiha nfetħet il-kawża tas-separazzjoni.
[85] Fol. 1547.

tgħid fl-affidavit tagħha illi l-attur waqaf jiddepożita l-paga fil-kont konġunt f'Marzu 2015, u fil-fatt jidher illi mill-*istatements* tal-kont bankarju tal-attur mal-BOV, illi l-attur kien qed jirċievi l-paga ġo kont tiegħu u jżommha għalih.[86] Il-konvenuta għalhekk jistħoqqilha tieħu kreditu ta' nofs il-paga li pperċepixxa l-attur minn dak iż-żmien sax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti li mir-rendikont tat-taxxi ppreżentati[87] tali kreditu jammonta għal tmienja u tletin elf, ħames mija u tliet Ewro u ħamsin ċenteżmu (€38,503.50). Fuq dan l-ammont jiddekorri imgħax bi tmienja fil-mija mid-data tal-5 ta' Diċembru 2018, sad-data tal-pagament effettiv.

Jirriżulta wkoll illi oltre dak li kien qed jiġi dikjarat fid-dikjarazzjonijiet fiskali, l-attur kien jitħallas ammonti oħra għall-benefiċċju ta' *overtime, sick* u *leave* u dan kif jammetti missier l-attur stess fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021[88] biex titħallas inqas taxxa. Dawn l-ammonti jidhru li varjaw fiż-żmien. Il-konvenuta ġabet prova li fl-2014[89] dawn l-ammonti li ngħatawlu għal dan il-għan kienu jammontaw għal żewġ ċekkijiet ta' sebat elef, sitta u sebgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€7,076.60) u erbatax-il elf, sebgħa u disgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€14,097.60). Dawn jagħtu indikazzjoni tajba tal-qliegħ li l-attur seta' żamm mistur mill-konvenuta u żamm għalih.

Il-Qorti hija moralment konvinta mix-xhieda kollha prodotti mill-uffiċjali tal-Kumpanija li din kienet effettivament prassi u mhux ħaġa ta' darba kif tifhem li kienet fir-rigward ta' ħlas ta' *dividends* li kien jitħallas biss I B imbagħad jgħaddi ammont lil uliedu. Minkejja dan il-konvinċiment il-Qorti m'għandiex prova ċara ta' l-ammonti ulterjuri li pperċepixxa l-attur sakemm ġiet xolta l-komunjoni b'valur determinat. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi *stante* li dawn huma flejjes li wkoll jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-attur għandu jikkumpensa lill-konvenuta fl-ammont likwidat fuq bażi ta' *arbitro boni viri* ta' għaxar t'elef (10,000) Ewro għal ħames snin ossija total ta' ħamsin elf (50,000) Ewro bl-imgħax dekorribli mill-5 ta' Diċembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv fl-ammont tat-tmienja fil-mija.

---

[86] Dok. JB 2 a. fol. 910.

[87] Xhieda ta' Joseph Debono fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2022 a. fol. 1633.

[88] Fol.1575.

[89] Affidavit tal-konvenuta a. fol. 86.

*Investimenti u kontijiet f'isem il-partijiet*

L-investimenti f'isem il-partijiet weħedhom jew konġuntivament imsemmija hawn fuq għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Il-polza ta' assigurazzjoni Policy Number FP434298, Comprehensive Flexi Plan miftuħa fl-14 ta Ġunju 2007 u timmatura fit-13 ta' Ġunju 2030 għandha tibqa' konġunta sabiex il-partijiet ikomplu jibbenefikaw minnha b'dan però illi għandhom jagħtu struzzjonijiet sabiex kull benefiċċju li joħroġ mill-polza, inkluż l-eventwali maturità tagħha jitħallas ugwalment bejn il-partijiet.

Il-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet weħedhom jew konġuntivament imsemmija hawn fuq kif ukoll il-flus depożitati l-Qorti in virtu tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 134/15 li sar fid-9 ta Ġunju 2015 għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet bil-valur li kellhom fil-5 ta' Diċembru 2018 kif hawn fuq indikat wara li l-konvenuta tirritorna fil-kont is-somma ta' tletin elf (30,000) Ewro li hija ġibdet mill-kont BOV f'isimha personali fl-24 ta' April 2015. Il- VISA Gold mal-bank BOV u VISA Classic mal-bank HSBC f'isem l-attur għandhom jiġu assenjati lilu b'kull dejn li hemm fuqhom.

*Rigali li ngħataw fiż-żwieġ*

Rigali li ngħataw mill-attur lill-konvenuta: ċrieket b'erba' djamanti u arloġġ tad-ditta *Chopard*. Il-partijiet jaqblu li ċ-ċrieket jinsabu għand il-konvenuta iżda l-konvenuta tgħid li l-arloġġ tad-ditta *Chopard* jinsab għand l-attur però dwar dan ma għamlitx rapport għaliex qalet li ttamat li dan jinstab. Iċ-ċrieket qed jiġu assenjati lill-konvenuta. Fir-rigward tal-arloġġ iż-żewġ partijiet jgħidu li ma jinsabx fil-pussess tagħhom u la sar rapport u lanqas inġabet evidenza dwar dan u għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwaru iżda jekk qatt dan jinstab għandu jiġi ritornat lill-konvenuta.

*Il-vettura tal-marka Skoda bin-numru tar-reġistrazzjoni FJD-777*

Kif jixhdu l-attur u missieru meta kien ġuvni l-attur kellu karozza tat-tip *Isuzu Gemini* li mbagħad biegħ fiż-żwieġ għal elf u seba' mitt (1,700) Liri Maltin. Jgħidu li mbagħad xtara karozza tat-tip *Skoda* bl-ammont li daħħal mill-bejgħ u l-bqija tal-flus li kienu jammontaw għal tmien t'elef u

ħames mitt  (8,500) Lira Maltin ħariġhom il-missier u għalhekk għandu kreditu għal dan l-ammont li jgħid li ngħatalu b'donazzjoni mingħand missieru. Ma ġiet preżentata l-ebda prova li turi li saret din id-donazzjoni lill-attur minn missieru u għalhekk il-Qorti ma tħossx li għandha tassenja kreditu mill-komunjoni fuq il-karozza.  Il-karozza tagħmel parti mill-komunjoni u għalhekk għandhom jinġiebu stimi minn kull waħda mill-partijiet u l-valur stabbilit ikun il-medja bejn iż-żewġ stimi u filwaqt li l-attur iżomm il-karozza, l-konvenuta titħallas nofs dan il-valur.

*<u>Assi parafernali:</u>*

*<u>Assi allegatament tal-attur</u>*

a. Id-dar matrimonjali bl-indirizz X, X, Triq il-X, Swieqi li nxtrat qabel iż-żwieġ u kemm l-attur u kif ukoll missieru jsostnu illi l-post inxtara minn missier l-attur.  Għall-kjarezza, mill-provi jirriżulta ċar li d-dar matrimonjali nxtrat mill-attur, bl-għajnuna ta' missieru f'forma ta' self *brevi manu,* u ma hux il-każ li nxtrat mill-missier, anke jekk jirriżulta li huwa kien preżenti meta ġie ppublikat il-kuntratt ta' kompravendita. Għalkemm jidher fuq il-kuntratt illi s-self li jidher li sar bejn l-attur u missieru kellu jitħallas sa għaxar snin wara l-kuntratt, ma nġabet l-ebda prova li tikkuntrarja l-fatt li kien fil-fatt missier l-attur li ħallas dan il-post.  Dan seta' u ma setax kien bil-flus tal-missier stess jew bil-flus li kien iżomm lill-attur qabel iż-żwieġ.  Fis-seduta tas-16 ta' JLr 2018[90], il-konvenuta tgħid li *"peress li kont tqila d-dar inxtrat minn A mill-flus li kellu mgemma,  Jien semmejt lil missieru fl-affidavit u anke issa ghaliex missieru kien preżenti biex id-dar xorta tghajjat lil A...Qed niġi mistoqsija jekk nafx ic-cekk biex thallset id-dar kienx ta' A jew ta' missieru nghid li c-cekk ma rajtux però dejjem qali li dar hi ta' A u li l-flus hargu minghand A."* Fl-affidavit tagħha[91] l-konvenuta tgħid biss "*F'Marzu 1990 meta dar il-kuntratt li bih inxtrat id-dar matrimonjali jien kont preżenti*."

---

[90] Fol. 470.
[91] Fol. 87.

Ma nġabitx prova illi fil-fatt intużaw xi flus tal-komunjoni biex missier l-attur jitħallas lura l-ammont li sellef lil ibnu fuq il-kuntratt tad-dar biex allura l-konvenuta kien ikollha kreditu fuq id-dar. Effettivament, lanqas ma jirriżulta ppruvat li missier l-attur qatt tħallas. Mill-provi jirriżulta ampjament illi l-konvenuta kienet attenta ħafna fuq dak li kien jintefaq u għalhekk kieku fiż-żwieġ meta kienet qed tamministra l-flejjes tal-konjuġi hi, saru xi pagamenti lill-missier l-attur hija kienet tkun konxja ta' dan.

Il-Qorti tirreleva illi l-konvenuta, konxja li d-dar hija parafernali tal-attur kellha żmien biżżejjed tul il-kawża sabiex taħseb għall-futur tagħha rigward abitazzjoni. Il-Qorti wkoll tatha ċ-ċans li tabita fid-dar tul is-snin kollha tal-kawża iżda issa ma tħossx li għandha tibqa' tingħata d-dritt ta' abitazzjoni ġewwa d-dar li hija parafernali tal-attur b'mod li huwa jiċċaħħad kompletament minnha. Għaldaqstant il-Qorti tordna illi l-konvenuta tivvaka d-dar matrimonjali fi żmien sena mid-data ta' din id-deċiżjoni u l-attur jieħu lura l-pussess ta' l-istess dar li mil-lum il-quddiem ma tibqax titqies bħala d-dar matrimonjali.

<u>*Assi allegatament tal-konvenuta*</u>

a. Libsa tat-tieġ – l-attur jgħid li hu ħallas il-libsa tat-tieġ tal-konvenuta u din ġietu Lm1,000 filwaqt li hi tgħid li xtratha hi għall-prezz ta' Lm250. Ħadd mill-partijiet ma ġab prova li xtara din il-libsa u għalhekk l-ebda kreditu ma jingħata favur xi parti iżda l-libsa li l-konvenuta tgħid li kompliet iżżejjinha u għadha żżommha sal-lum tiġi assenjata lilha;

b. Spejjeż tal-bridesmaids, ħwejjeġ tal-irġiel u aċċessorji tat-tieġ; Ta' dawn ma nġabet l-ebda prova jew prova ta' valur u għalhekk fuq nuqqas ta' provi l-Qorti ma tistax tassenja kreditu lill-konvenuta;

c. Kċina, *main bedroom* u bieb ta' barra; Ta' dawn ma ġietx preżentata prova la ta' meta nxtraw u lanqas tal-

valur li għalihom kienu nxtraw u l-konvenuta tgħid li mhix ċerta jekk il-kumplament tal-flus wara d-deposit tħallasx wara ż-żwieġ,[92] madanakollu kemm l-attur u kif ikoll missieru fl-affidavits tagħhom jaqblu illi l-kċina u l-*main bedroom* ġew mixtrija mill-konvenuta. Dwar il-bieb ta' barra ma jaqblux u ma tirriżulta l-ebda prova. Valuri ma ġewx preżentati u għalhekk il-Qorti qed tassenja l-*main bedroom* u l-kċina lill-konvenuta;

d. Dota li l-konvenuta tgħid li ħadet magħha fid-dar u li xtrat qabel iż-żwieġ: set tat-television, magna tal-ħjata, borom, platti, tazzi, megna Kenwood, kitla, toaster, ložor, xugamani, twapet u ornamenti tad-dar; Il-Qorti qed tassenja dawn il-mobbli lill-konvenuta jekk għadhom jintużaw;

*Krediti*

*Kreditu ta' spejjeż li saru fid-dar wara ż-żwieġ* li l-konvenuta tippretendi *stante* li saru fiż-żwieġ. Għalkemm hija tippreżenta numru ta' rċevuti ta' spejjeż li saru fiż-żwieġ u għalhekk tgħid li għandha kreditu fuqhom, iż-żewġ partijiet gawdew minn dawn il-beneficċji tul iż-żwieġ u għalhekk il-Qorti ma tħossx li hemm lok għal kreditu ta' xi parti jew oħra.

## DEĊIDE:

**Ikkunsidrat dak kollu hawn fuq premess, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:**

1. Tiċħad l-ewwel talba tal-attur u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali b'dak illi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan għal raġunijiet imputabbli lill-attur minħabba sevizzi u inġurji gravi li rriżultaw minn din il-kawża;

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali u tiddikjara lill-attur responsabbli għall-ħlas tal-manteniment tal-konvenuta u dan fis-somma ta' mitejn u ħamsin (250) Ewro fix-xahar;

[92] Seduta tas-16 ta' JLr 2018 a. fol. 470.

3. It-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b'effett tas-Sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2018;

4. Tilqa' limitatament it-tieni talba tal-attur u l-ħames u s-sitt talba rikonvenzjonali b'dan illi tillikwida, taqsam u tiddividi l-beni appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u tali diviżjoni u assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "**It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti** u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

5. Tiċħad it-tielet talba tal-attur u s-seba' talba rikonvenzjonali b'dak illi tiddikjara illi t-tort tat-tkissir taż-żwieġ huwa l-attur iżda ma tapplikax fil-konfront tiegħu l-effetti kollha ta' l-Artikolu 48 *et. Seq.* tal-Kap 16;

6. Tilqa' t-tmien talba rikonvenzjonali u tawtorizza lill-partijiet jgħixu separatament;

7. Dwar ir-raba' u l-ħames talba tal-attur u l-għaxar talba rikonvenzjonali tiddeċiedi skont il-provvedimenti tal-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti **u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali**";*

8. Tilqa' is-sitt talba tal-attur u tiddikjara illi l-fond bl-indirizz X, X, Triq il-X, Swieqi m'għadux iktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

9. Tilqa' s-seba' talba tal-attur u tiċħad id-disa' talba rikonvenzjonali b'dak illi tordna illi l-konvenuta tivvaka d-dar matrimonjali fi żmien sena mid-data ta' din id-deċiżjoni;

10. Tilqa' t-tmien talba tal-attur b'dana illi tawtorizzah jirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

L-ispejjeż tal-kawża, kif ukoll dak tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 134/15 intavolat fid-9 ta' Ġunju 2015 kontra l-konvenuta, għandhom jiġu sopportati mill-attur.